ISSN 1977-0987

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

# C 120

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

**Volum 56**

**26 ta' April 2013**

Avviż Nru | Werrej | Paġna


I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

RAKKOMANDAZZJONIJIET

**Il-Kunsill**

2013/C 120/01 Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013 dwar it-twaqqif ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ .... 1

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kunsill**

2013/C 120/02 Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat Konsultattiv dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol .... 7

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2013/C 120/03 Rata tal-kambju tal-euro .... 12


MT

**Prezz:**
**EUR 3**

*(Ikompli fil-paġna li jmiss)*

2013/C 120/04 Opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-ftehimiet restrittivi u l-pożizzjoni dominanti mogħtija fil-laqgħa tiegħu tal-4 ta' Marzu 2013 fir-rigward ta' abbozz ta' deċiżjoni relatata mal-Każ COMP/39.530 – Microsoft (Irbit) – Relatur: Il-Bulgarija ........ 13

2013/C 120/05 Rapport finali tal-Uffiċjal tas-Seduta – COMP/39.530 – Microsoft (irbit) ........ 14

2013/C 120/06 Sommarju tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Marzu 2013 rigward proċediment dwar l-impożizzjoni ta' multi skont l-Artikolu 23(2)(c) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 għan-nuqqas ta' konformità ma' impenn li sar vinkolanti b'deċiżjoni tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 9 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 (Każ COMP/39.530 – Microsoft (irbit)) *(notifikata bid-dokument C(2013) 1210 final)* ........ 15

2013/C 120/07 Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' April 2013 dwar it-twaqqif ta' Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni li jkun magħruf bħala l-Pjattaforma għall-Governanza Tajba tat-Taxxa, l-Ippjanar Aggressiv tat-Taxxa u t-Tassazzjoni Doppja ........ 17

V *Avviżi*

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2013/C 120/08 Sejħa għall-proposti – EAC/S03/13 – Azzjoni Preparatorja: Sħubija Ewropea dwar l-Isport (Sejħa miftuħa) ........ 20

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2013/C 120/09 Komunikazzjoni mill-Kummissjoni ppubblikata skont l-Artikolu 27(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 fil-Kawża AT.39740 – Google [1] ........ 22

2013/C 120/10 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.6888 – Otsuka/Mitsui/Claris) – Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata [1] ........ 25

2013/C 120/11 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.6886 – Lindéngruppen/FAM/Höganäs) – Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata [1] ........ 26

MT

(1) Test b'relevanza għaż-ŻEE

I

*(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)*

# RAKKOMANDAZZJONIJIET

# IL-KUNSILL

## RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

**tat-22 ta' April 2013**

**dwar it-twaqqif ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ**

(2013/C 120/01)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 292 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) L-investiment tal-lum fil-kapital uman taż-żgħażagħ Ewropej iwassal għal benefiċċji fit-tul u jikkontribwixxi għal tkabbir ekonomiku sostenibbli u inklużiv. L-Unjoni tkun tista' tibbenefika b'mod sħiħ mill-benefiċċji kollha ta' forza tax-xogħol attiva, innovattiva u tas-sengħa, filwaqt li tevita l-ispejjeż enormi ta' żgħażagħ li la jkunu qed jaħdmu, la jedukaw ruħhom u lanqas jitħarrġu ("NEETs"), li bħalissa jammontaw għal 1,2 % tal-PGD.

(2) Iż-żgħażagħ intlaqtu partikolarment ħażin matul il-kriżi. Huma vulnerabbli minħabba l-perijodi ta' tranżizzjoni li għaddejjin minnhom fil-ħajja, in-nuqqas ta' esperjenza professjonali, minħabba li kultant ma jkunux edukati u mħarrġa biżżejjed, minħabba li l-kopertura ta' ħarsien soċjali tagħhom spiss tkun waħda limitata, minħabba l-aċċess ristrett għal riżorsi finanzjarji, u l-kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji. In-nisa żgħażagħ aktar hemm ċans li jintlaqtu minn paga baxxa u minn impjiegi prekarji, filwaqt li l-ġenituri żgħażagħ, primarjament l-ommijiet żgħażagħ, ikunu neqsin minn miżuri ta' bilanċ xieraq bejn il-ħajja u x-xogħol. Barra minn hekk, xi żgħażagħ huma fi żvantaġġ partikolari jew fir-riskju li jiġu diskriminati. Għalhekk hemm bżonn ta' miżuri ta' sostenn xierqa, filwaqt li tiġi rikonoxxuta r-responsabbiltà individwali taż-żgħażagħ biex isibu rotta għal attività ekonomika.

(3) Jeżistu 7,5 miljun NEETs madwar l-Unjoni, li jirrappreżentaw 12,9 % ta' żagħżagħ Ewropej (ta' età bejn il-15 u l-24 sena). Ħafna ma għandhomx iktar minn edukazzjoni sekondarja u jkunu ħarġu kmieni mill-edukazzjoni u mit-taħriġ. Barra minn hekk, ħafna huma migranti jew ġejjin minn kuntesti żvantaġġati. It-terminu "NEETs" ikopri s-sottogruppi varji ta' żgħażagħ bi ħtiġijiet differenti.

(4) 30,1 % tan-nies qiegħda taħt l-età ta' 25 sena fl-Unjoni ilhom qiegħda għal aktar minn 12-il xahar. Barra minn dan, hemm għadd dejjem ikbar ta' żgħażagħ li ma jfittxux ix-xogħol attivament, hekk li jistgħu jibqgħu mingħajr appoġġ strutturali fejn tidħol l-integrazzjoni mill-ġdid fis-suq tax-xogħol. Ir-riċerka turi li l-qgħad fost iż-żgħażagħ jista' jħalli effetti permanenti, bħal riskju ikbar li l-persuna tispiċċa qiegħda fil-futur, qligħ inqas fil-futur, telf ta' kapital uman, it-trażmissjoni minn ġenerazzjoni għal oħra tal-faqar, jew inqas motivazzjoni li dak li jkun jibni familja, sitwazzjonijiet li lkoll jikkontribwixxu għal xejriet demografiċi negattivi.

(5) It-terminu "Garanzija għaż-Żgħażagħ" jirreferi għas-sitwazzjoni fejn iż-żgħażagħ jirċievu offerta ta' xogħol ta' kwalità tajba, edukazzjoni kontinwa, apprendistat jew taħriġ fi żmien erba' xhur minn meta jispiċċaw qiegħda jew minn meta jwaqqfu l-edukazzjoni formali. Offerta għal edukazzjoni kontinwa tista' tħaddan ukoll programmi ta' taħriġ ta' kwalità li jwasslu għal kwalifika vokazzjonali rikonoxxuta.

(6) Garanzija għaż-Żgħażagħ tikkontribwixxi għal tlieta mill-miri tal-istrateġija Ewropa 2020, jiġifieri li 75 % tal-firxa tal-età bejn l-20 u l-64 sena jrid ikollhom xogħol, li r-rati ta' tluq bikri mill-iskola għandhom ikunu taħt l-10 %, u li mill-inqas 20 miljun persuna għandhom jinħarġu mill-faqar u mill-esklużjoni soċjali.

(7) Il-linji gwida għall-politiki dwar ix-xogħol tal-Istati Membri, adottati mill-Kunsill fid-Deċiżjoni tiegħu 2010/707/UE ([1]) tal-21 ta' Ottubru 2010, b'mod partikolari l-linji gwida 7 u 8, jappellaw lill-Istati Membri biex

([1]) ĠU L 308, 24.11.2010, p. 46.

jippromovu l-integrazzjoni taż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol u biex jgħinuhom, b'mod partikolari lin-NEETs, b'kooperazzjoni mal-imsieħba soċjali, biex isibu impjieg inizjali, jiksbu esperjenza tax-xogħol, jew aktar opportunitajiet ta' edukazzjoni u taħriġ, inklużi apprendistati, u biex jintervjenu malajr meta ż-żgħażagħ jitilfu x-xogħol.

(8) Sa mill-2005, meta adotta l-linji gwida għal-linji politiċi dwar l-impjiegi tal-Istati Membri permezz tad-Deċiżjoni 2005/600/KE [1] tat-12 ta' Lulju 2005, il-Kunsill qabel li "kull persuna qiegħda tiġi offruta bidu ġdid qabel ma tilħaq is-sitt xhur ta' qgħad fil-każ ta' żgħażagħ". Permezz tad-Deċiżjoni 2008/618/KE tal-15 ta' Lulju 2008 dwar il-linji gwida għal-linji politiċi dwar l-impjiegi tal-Istati Membri [2], il-Kunsill naqqas il-perijodu ta' żmien għal "mhux aktar tard minn erba' xhur" għaż-żgħażagħ li jitilqu mill-iskola kmieni.

(9) Fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Lulju 2010 dwar il-promozzjoni tal-aċċess taż-żgħażagħ għas-suq tax-xogħol, it-tisħiħ tal-istejtus ta' min jitħarreġ, tal-internship u l-apprendistat [3], il-Parlament Ewropew talab lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex joħorġu b'Garanzija Ewropea għaż-Żgħażagħ li tassigura d-dritt ta' kull żagħżugħ fl-Unjoni li jiġi offrut impjieg, apprendistat, taħriġ addizzjonali jew xogħol u taħriġ ikkumbinati wara massimu ta' erba' xhur qiegħed.

(10) Fil-Komunikazzjoni tagħha "Żgħażagħ fl-Azzjoni" tal-15 ta' Settembru 2010, il-Kummissjoni ħeġġet lill-Istati Membri biex jintroduċu Garanziji għaż-Żgħażagħ, li l-implimentazzjoni tagħhom sa issa kienet limitata ferm. Din ir-Rakkomandazzjoni għandha ssaħħaħ u ttenni l-ħtieġa li l-Istati Membri jkomplu jaħdmu għal dan l-għan, filwaqt li jgħinu wkoll fit-tfassil, fl-implimentazzjoni u fl-evalwazzjonijiet ta' skemi ta' Garanziji għaż-Żgħażagħ.

(11) Fil-konklużjonijiet tiegħu tas-17 ta' Ġunju 2011 dwar "il-promozzjoni tal-impjiegi taż-żgħażagħ għall-kisba tal-objettivi Ewropa 2020", tal-Kunsill stieden lill-Istati Membri biex jintervjenu rapidament billi joffru aktar edukazzjoni, taħriġ (mill-ġdid) jew miżuri ta' attivazzjoni għan-NEETS, inkluż ukoll lil min jitlaq kmieni mill-iskola. Dan iservi l-għan li dawk in-nies jerġgħu jidħlu lura fl-ambitu tal-edukazzjoni, tat-taħriġ jew fis-suq tax-xogħol fl-iqsar żmien possibbli u jnaqqsu r-riskju ta' faqar u ta' esklużjoni soċjali. Il-Kunsill irrikonoxxa li s-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol jista' jkollha effetti sfavorevoli fuq iż-żgħażagħ, u stieden lill-Istati Membri biex jindirizzaw dan it-tip ta' segmentazzjoni.

(12) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2011 dwar linji politiċi sabiex jitnaqqas it-tluq bikri mill-iskejjel [4] hija kkonċentrata fuq l-iżvilupp ta' politiki msejsa fuq l-evidenza, komprensivi u transsettorjali li jinkludu miżuri biex jirbħu lura lil min jitlaq kmieni mill-iskola u biex isaħħu r-rabta bejn is-sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ u s-settur tal-impjiegi. Fit-tħejjija tal-baġit tal-2012, il-Parlament Ewropew appoġġa dak l-approċċ u talab lill-Kummissjoni biex timplimenta azzjoni preparatorja biex issostni l-istabbiliment ta' Garanziji għaż-Żgħażagħ fl-Istati Membri.

(13) Fil-Pakkett dwar l-Impjiegi, propost fil-Komunikazzjoni tagħha tat-18 ta' April 2012 "Lejn irkupru li jwassal għall-ħolqien abbundanti ta' impjiegi", il-Kummissjoni appellat għall-mobilizzazzjoni attiva min-naħa tal-Istati Membri, tal-imsieħba soċjali u ta' partijiet interessati oħra biex jirrispondu għall-isfidi tal-Unjoni fil-preżent fejn jidħlu l-impjiegi, u b'mod partikolari l-qgħad fost iż-żgħażagħ. Il-Kummissjoni enfasizzat l-ikbar potenzjal għall-ġenerazzjoni tal-impjiegi tal-ekonomija ekoloġika, tas-saħħa u l-kura soċjali, u tas-setturi tal-informazzjoni u t-teknoloġija tal-komunikazzjoni ICT, u għal dak il-għan ħarġet tliet pjanijiet ta' azzjoni li jakkumpanjawha biex ikun hemm segwitu tagħhom. Sussegwentement, fil-Komunikazzjoni tagħha tal-10 ta' Ottubru 2012 dwar Industrija Ewropea Aktar b'Saħħitha għat-Tkabbir u l-Irkupru Ekonomiku, il-Kummissjoni enfasizzat ukoll sitt oqsma prijoritarji promettenti għall-innovazzjoni industrijali li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni lejn ekonomija baxxa fil-karbonju u effiċjenti fir-riżorsi. Fil-Pakkett dwar l-Impjiegi, il-Kummissjoni enfasizzat ukoll li t-trawwim ta' mħuħ intraprenditorjali, id-disponibbiltà akbar ta' sostenn lil servizzi għall-ftuħ ta' negozju u ta' mikrofinanzjament, kif ukoll l-istabbiliment ta' skemi li jikkonvertu l-benefiċċji tal-qgħad f'għotjiet għall-ftuħ ta' negozju jkollhom rwol importanti anki għaż-żgħażagħ. Barra minn hekk, il-Pakkett dwar l-Impjiegi ppropona l-użu ta' sussidji tal-pagi biex tingħata spinta fejn jidħol l-ingaġġar ta' ħaddiema ġodda u t-tnaqqis tar-rata fiskali (prinċipalment il-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali mill-impjegaturi) hekk li jiżdied ix-xogħol u jkun hemm riformi bilanċjati fil-leġiżlazzjoni dwar il-ħarsien tal-impjiegi, affarijiet li lkoll jistgħu jgħinu liż-żgħażagħ biex ikollhom aċċess għal impjiegi ta' kwalità.

(14) Fir-Riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Mejju 2012 dwar l-Inizjattiva għall-Opportunitajiet taż-Żgħażagħ, il-Parlament Ewropew ħeġġeġ lill-Istati Membri biex jieħdu miżuri konkreti u fil-pront fil-livell nazzjonali biex jiżguraw li ż-żgħażagħ ikollhom xogħol, edukazzjoni jew taħriġ (mill-ġdid) diċenti fi żmien erba' xhur minn meta joħorġu mill-iskola. Il-Parlament Ewropew enfasizza li jeħtieġ li l-iskema ta' Garanziji taż-Żgħażagħ ittejjeb b'mod effettiv is-sitwazzjoni tan-NEETs u twassal biex gradwalment tingħeleb il-problema tal-qgħad fost iż-żgħażagħ fl-Unjoni.

(15) Fil-Konklużjonijiet tiegħu tad-29 ta' Ġunju 2012, il-Kunsill Ewropew ħeġġeġ lill-Istati Membri biex iżidu l-isforzi biex jitkattar ix-xogħol fost iż-żgħażagħ, bi "l-għan li sa ftit xhur wara li joħorġu mill-iskola, iż-żgħażagħ jirċievu offerta ta' xogħol ta' kwalità tajba, edukazzjoni kontinwa, apprendistat jew taħriġ". Il-Kunsill ikkonkluda wkoll li dawk il-miżuri jistgħu jiġu sostnuti mill-Fond Soċjali Ewropew u li l-Istati Membri għandhom jużaw il-possibilitajiet ta' ffinanzjar ta' sussidji għal reklutaġġ temporanju minn dak il-Fond.

[1] ĠU L 205, 6.8.2005, p. 21.
[2] ĠU L 198, 26.7.2008, p. 47.
[3] ĠU C 351 E, 2.12.2011, p. 29.
[4] ĠU C 191, 1.7.2011, p. 1.

(16) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Novembru 2012 dwar "Nikkunsidraw l-edukazzjoni mill-Ġdid: Ninvestu fil-ħiliet għal eżiti soċjoekonomiċi aħjar" tipprovdi l-kontribuzzjoni tal-Unjoni għal dak ix-xogħol minn perspettiva edukattiva. Din telabora l-kwistjonijiet ewlenin marbuta mar-riforma u l-effiċjenza tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ; biex il-ħiliet disponibbli jiġu allinjati mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, kemm tal-lum u kemm tal-ġejjieni, biex ikunu stimulati toroq miftuħa u flessibbli ta' tagħlim u biex jiġi promoss sforz kollaborattiv fost il-partijiet interessati kollha, inkluż dak tal-finanzjament.

(17) Fir-Rakkomandazzjoni tiegħu tal-20 ta' Diċembru 2012, dwar il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali [1], il-Kunsill irrakkomanda li l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu, sa mhux aktar tard mill-2018, skont iċ-ċirkostanzi u l-ispeċifiċitajiet nazzjonali, u kif iqisu xieraq, arranġamenti għall-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali.

(18) Fil-Komunikazzjoni tagħha tat-28 ta' Novembru 2012 dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir tal-2013, il-Kummissjoni enfasizzat li l-Istati Membri għandhom jiggarantixxu li ż-żgħażagħ jgħaddu mill-iskola għall-post tax-xogħol, kif ukoll li jiżviluppaw u jimplimentaw Garanziji għaż-Żgħażagħ li permezz tagħhom dawk li taħt l-età ta' 25 sena jingħataw offerta ta' xogħol, edukazzjoni kontinwa, apprendistat jew taħriġ fi żmien erba' xhur minn meta joħorġu mill-iskola jew minn meta jispiċċaw qiegħda.

(19) Fil-Konklużjonijiet tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali tat-8 ta' Frar 2013, il-Kunsill Ewropew iddeċieda li joħloq Inizjattiva favur l-Impjiegi taż-Żgħażagħ li tammonta għal EUR 6 biljun għall-perijodu 2014-2020 biex issostni l-miżuri stabbiliti fil-Pakkett għall-Impjiegi taż-Żgħażagħ propost mill-Kummissjoni fil-5 ta' Diċembru 2012 u, partikolarment, biex issostni l-Garanzija għaż-Żgħażagħ.

(20) Il-Garanzija għaż-Żgħażagħ għandha tiġi implimentata minn skema li tikkonsisti minn miżuri ta' sostenn, u għandha tkun waħda li tqis iċ-ċirkostanzi nazzjonali, reġjonali u lokali. Dawk il-miżuri għandhom ikunu bbażati fuq sitt linji ewlenin: il-bini ta' approċċi bbażati fuq is-sħubijiet, interventi u attivazzjoni fil-pront, miżuri ta' sostenn li jippermettu l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol, l-użu tal-Fondi tal-Unjoni, il-valutazzjoni u t-titjib kontinwu tal-iskema, u l-implimentazzjoni rapida tagħha. Bħala tali, dawn għandhom l-għan li jipprevjenu l-ħruġ bikri mill-iskola, li jrawmu l-impjegabbiltà u li jneħħu l-ostakli prattiċi għax-xogħol. Jistgħu jiġu appoġġati mill-Fondi tal-Unjoni u għandhom jiġu sorveljati u mtejba kontinwament.

(21) Il-koordinazzjoni effettiva u s-sħubijiet fl-oqsma ta' politika (ix-xogħol, l-edukazzjoni, iż-żgħażagħ, l-affarijiet soċjali, eċċ.) huma kruċjali biex ikun hemm qabża fl-opportunitajiet ta' xogħol, ta' apprendistati u ta' taħriġ ta' kwalità.

(22) L-iskemi ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ għandhom iqisu d-diversità tal-Istati Membri u l-punti ta' tluq differenti tagħhom, fir-rigward tal-livelli tal-qgħad fost iż-żgħażagħ, il-qafas istituzzjonali, u l-kapaċità tad-diversi atturi tas-suq tax-xogħol. Għandhom iqisu wkoll sitwazzjonijiet differenti fejn jidħlu l-baġits pubbliċi u r-restrizzjonijiet finanzjarji b'rabta mal-allokazzjoni tar-riżorsi. Fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir tal-2013, il-Kummissjoni tikkunsidra li, fejn hu possibbli, għandhom jingħataw prijorità u jiġu msaħħa l-investimenti fl-edukazzjoni, u dan filwaqt li tiġi żgurata l-effiċjenza ta' tali nefqa. Trid tingħata attenzjoni partikolari wkoll liż-żamma jew lir-riinfurzar tal-kopertura u tal-effettività tas-servizzi tax-xogħol u tal-politiki dwar forza tax-xogħol attiva, bħalma huma t-taħriġ għal min hu bla xogħol u l-iskemi ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ. L-istabbiliment ta' skemi bħal dawn għandu sinifikat fit-tul, iżda jinħass ukoll il-bżonn ta' azzjoni immedjata biex tindirizza l-effetti drammatiċi li l-kriżi ekonomika qed ikollha fuq is-suq tax-xogħol,

B'DAN JIRRAKKOMANDA LI L-ISTATI MEMBRI:

1. Jiżguraw li ż-żgħażagħ kollha taħt l-età ta' 25 sena jirċievu offerta ta' xogħol ta' kwalità tajba, edukazzjoni kontinwa, apprendistat jew taħriġ fi żmien erba' xhur minn meta jsiru qiegħda jew minn meta jwaqqfu l-edukazzjoni formali.

   Meta jfasslu din l-iskema ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw il-kwistjonijiet globali bħalma hu l-fatt li ż-żgħażagħ ma humiex grupp omoġenju jħabbat wiċċu mal-istess ambjent soċjali, kif ukoll il-prinċipji ta' obbligu reċiproku u l-ħtieġa li jkun indirizzat ir-riskju ta' ċikli ta' inattività.

   Il-punt tat-tluq biex titwassal il-Garanzija għaż-Żgħażagħ lil żgħażugħ għandu jkun ir-reġistrazzjoni ma' servizz għall-impjiegi, u għal dawk in-NEETs li mhumiex irreġistrati ma' servizz għall-impjiegi, l-Istati Membri għandhom jiddefinixxu punt tat-tluq korrispondenti biex titwassal il-Garanzija għaż-Żgħażagħ fl-istess qafas ta' żmien ta' erba' xhur.

   L-iskemi ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ għandhom ikunu bbażati fuq il-linji gwida li ġejjin, skont iċ-ċirkostanzi nazzjonali, reġjonali u lokali u jqisu s-sess tal-individwu u d-diversità taż-żgħażagħ fil-mira:

## Tfassil ta' approċċi bbażati fuq is-sħubijiet

2. Jidentifikaw l-awtorità pubblika rilevanti u responsabbli mill-istabbiliment u l-immaniġġjar tal-iskema ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ u mill-koordinazzjoni ta' sħubiji fil-livelli u s-setturi kollha. Fejn mhux possibbli, għal raġunijiet kostituzzjonali, għal Stat Membru li jidentifika awtorità pubblika waħda biss, l-awtoritajiet pubbliċi rilevanti se jiġu identifikati, waqt li n-numru tagħhom jinżamm kemm jista' jkun baxx u jiġi identifikat punt ta' kuntatt waħdieni biex jikkomunikaw mal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ.

[1] ĠU C 398, 22.12.2012, p. 1.

3. Jaċċertaw li ż-żgħażagħ ikollhom aċċess għall-informazzjoni kollha dwar is-servizzi u l-appoġġ disponibbli billi tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn is-servizzi tax-xogħol, dawk li jagħtu pariri dwar il-karrieri, l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ u s-servizzi ta' appoġġ liż-żgħażagħ, u billi jintużaw b'mod sħiħ il-kanali tal-informazzjoni rilevanti kollha.

4. Isaħħu s-sħubijiet bejn min iħaddem u l-atturi rilevanti tas-suq tax-xogħol (is-servizzi tal-impjiegi, livelli differenti tal-gvern, it-trejdjunjins u s-servizzi taż-żgħażagħ) sabiex jitkattru l-opportunitajiet ta' xogħol, ta' apprendistati u ta' taħriġ għaż-żgħażagħ.

5. Jiżviluppaw sħubijiet bejn is-servizzi tax-xogħol pubbliċi u privati, istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ, is-servizzi ta' gwida għall-karrieri u servizzi taż-żgħażagħ speċjalizzati oħra (organizzazzjonijiet mhux governattivi, ċentri taż-żgħażagħ u assoċjazzjonijiet) li jgħinu biex irattbu l-qabża mill-qgħad, l-inattività jew l-edukazzjoni għax-xogħol.

6. Jiżguraw l-involviment attiv tal-imsieħba soċjali fil-livelli kollha f'dak li hu tfassil u implimentazzjoni ta' politiki li għandhom iż-żgħażagħ fil-mira tagħhom u jippromwovu sinerġiji fost l-inizjattivi tagħhom biex ikunu żviluppati skemi ta' apprendistat u taħriġ.

7. Jiżguraw il-konsultazzjoni jew l-involviment taż-żgħażagħ u/jew l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ fit-tfassil u l-iżvilupp ulterjuri tal-iskema ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ sabiex jitfasslu servizzi li jaqdu l-ħtiġijiet tal-benefiċjarji, u biex dawn l-istess rappreżentanti jkunu jistgħu jaġixxu bħala multiplikaturi f'attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni.

**Intervent u attivazzjoni bikrija**

8. Jiżviluppaw strateġiji ta' komunikazzjoni effettiva biex jilħqu ż-żgħażagħ, inklużi kampanji ta' informazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni, bil-għan li dawn jiġu identifikati mis-servizzi tal-impjiegi u jiġu rreġistrati magħhom, u hekk ikun possibbli li dawn jiffukaw fuq iż-żgħażagħ vulnerabbli li jiffaċċjaw ħafna ostakli (bħall-esklużjoni soċjali, il-faqar jew d-diskriminazzjoni) u n-NEETs, u dan filwaqt li jqisu l-isfondi differenti tagħhom (b'mod partikolari minħabba l-faqar, xi diżabbiltà, edukazzjoni baxxa jew minoranza etnika/familji migranti).

9. Sabiex jappoġġaw aħjar liż-żgħażagħ, u biex jindirizzaw il-potenzjal ta' nuqqas ta' għarfien dwar l-offerti eżistenti, għandhom iqisu li jistabbilixxu punti ċentrali (focal points) komuni, jiġifieri organizzazzjoni li tiżgura l-koordinazzjoni bejn l-istituzzjonijiet kollha u l-organizzazzjonijiet ikkonċernati, b'mod partikolari mal-awtorità pubblika responsabbli mill-immaniġġar tal-iskema ta' Garanziji għaż-Żgħażagħ, sabiex tkun tista' tinqasam informazzjoni dwar żgħażagħ li jkunu ħarġu mill-iskola, b'mod partikolari dwar dawk li jkunu fir-riskju li ma jsibux impjieg jew li ma jidħlux f'edukazzjoni jew taħriġ kontinwu.

10. Jippermettu lis-servizzi tax-xogħol, flimkien mal-isħab l-oħra li jappoġġaw liż-żgħażagħ, li minn kmieni jipprovdu gwida personalizzata u ppjanar ta' azzjoni individwali, inklużi skemi ta' appoġġ individwali mfassla apposta, ibbażati fuq il-prinċipju tal-obbligu reċiproku fi stadju bikri u segwitu kontinwu bil-għan li jipprevjenu tluq bikri u jiżguraw progress lejn edukazzjoni u taħriġ jew impjieg.

**Miżuri ta' sostenn għall-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol**

*Titjib tal-ħiliet*

11. Joffru liż-żgħażagħ b'ħiliet baxxi u lil dawk li joħorġu kmieni mill-iskola mogħdijiet biex jaqbdu t-triq lura għall-edukazzjoni u t-taħriġ, jew biex jattendu programmi ta' edukazzjoni li jagħtuhom ċans ieħor, programmi li joffru ambjenti ta' tagħlim li jirrispondu għall-bżonnijiet speċifiċi tagħhom u li jippermettulhom jiksbu l-kwalifika li tilfu.

12. Jiżguraw li miżuri imwassla fil-kuntest ta' skema ta' Garanziji għaż-Żgħażagħ li fil-mira tagħha jkun hemm it-tisħiħ tal-ħiliet u l-kompetenzi, jgħinu biex jiġu indirizzati d-diskrepanzi bejn il-ħiliet li jesiġi s-suq tax-xogħol u dawk li hemm disponibbli u biex tibda tiġi sodisfatta d-domanda tas-suq.

13. Jiżguraw li l-isforzi biex jikbru l-ħiliet u l-kompetenzi jkunu jinkludu l-ħiliet diġitali/fl-ICT. Jippromwovu l-istatus ta' għarfien u kompetenzi professjonali billi jiżguraw li l-curricula u ċ-ċertifikazzjonijiet tal-ICT ikunu jikkonformaw mal-istandards u li jkunu rikonoxxuti internazzjonalment.

14. Jinkoraġġixxu lill-iskejjel, inklużi ċ-ċentri tat-taħriġ vokazzjonali, u lis-servizzi tal-impjiegi, jippromwovu u jipprovdu gwida kontinwa liż-żgħażagħ dwar l-intraprenditorija u x-xogħol għal rashom, inkluż permezz ta' korsijiet fl-intraprenditorija.

15. Jimplimentaw ir-Rakkomandazzjoni tal-20 ta' Diċembru 2012 dwar il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali.

*Miżuri relatati mas-suq tax-xogħol*

16. Meta rilevanti, inaqqsu l-ispejjeż tax-xogħol mhux marbuta mal-pagi sabiex jagħtu spinta lill-prospettivi ta' reklutaġġ fost iż-żgħażagħ.

17. Jużaw sussidji mmirati u mfassla sew għall-pagi u r-reklutaġġ biex iħeġġu lil min iħaddem joħloq opportunitajiet ġodda għaż-żgħażagħ, bħal apprendistati, taħriġ jew pjazzament tax-xogħol, partikolarment għal dawk l-aktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol, u dan f'konformità mar-regoli applikabbli għall-għajnuna mill-Istat.

18. Jippromwovu l-mobbiltà tax-xogħol billi liż-żgħażagħ jagħmluhom konxji minn offerti għal impjiegi, apprendistati u taħriġ u mis-sostenn disponibbli f'oqsma, reġjuni u pajjiżi differenti, pereżempju permezz ta' servizzi u skemi li jinkoraġġixxu lin-nies jiċċaqilqu u jaħdmu fl-Unjoni. Jiżguraw li jkun disponibbli appoġġ adegwat biex iż-żgħażagħ jiġu megħjuna jsibu xogħol f'qasam ieħor jew fi Stat Membru ieħor adattati għall-ambjent ġdid tagħhom.

19. Iżidu s-servizzi ta' appoġġ għal min jibda negozju, u jżidu l-għarfien tal-opportunitajiet u l-perspettivi possibbli u l-perspettivi marbuta ma' xogħol għal rashom, inkluż permezz ta' kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn is-servizzi tax-xogħol, l-appoġġ lin-negozji u l-fornituri (mikro)finanzjarji.

20. Isaħħu l-mekkaniżmi biex jattivaw mill-ġdid liż-żagħżagħ li jitilqu minn skemi ta' attivazzjoni u li ma jibqax ikollhom aċċess għall-benefiċċji.

**Użu tal-Fondi tal-Unjoni**

21. Jagħmlu l-aħjar użu, u użu b'mod sħiħ, mill-istrumenti ta' finanzjament tal-Politika ta' Koeżjoni, fil-perijodu li jmiss 2014-2020, biex isostnu l-istabbiliment ta' skemi għall-Garanziji għaż-Żgħażagħ, fejn adatt għaċ-ċirkostanzi nazzjonali. Biex jintlaħaq dan l-għan, jiżguraw li tingħata l-prijorità mistħoqqa u li r-riżorsi korrispondenti jkunu allokati għas-sostenn tal-tfassil u tal-implimentazzjoni tal-miżuri relatati mal-istabbiliment ta' skemi għall-Garanziji għaż-Żgħażagħ, inklużi l-possibbiltajiet ta' finanzjament mill-Fond Soċjali Ewropew tas-sussidji għar-reklutaġġ fil-mira. Barra minn hekk, jagħmlu użu massimu mill-finanzjament li jkun għad hemm disponibbli mill-perijodu ta' pprogrammar 2007-2013.

22. Fil-kuntest tat-tħejjija għall-perijodu 2014-2020, fil-Kuntratt tas-Sħubija jagħtu l-attenzjoni xierqa lill-objettivi speċifiċi marbuta mal-implimentazzjoni tal-iskemi ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ fejn adatt għaċ-ċirkostanzi nazzjonali, u fil-programmi ta' operat tagħhom jiddeskrivu l-azzjonijiet li jkunu se jiġu sostnuti skont il-prijoritajiet ta' investiment rilevanti tal-Fond Soċjali Ewropew, b'mod partikolari dawk marbuta mal-integrazzjoni sostenibbli tan-NEETs fis-suq tax-xogħol u mal-appoġġ lill-intraprendituri żgħażagħ u lill-intrapriżi soċjali u l-kontribut rispettiv tagħhom għall-objettivi speċifiċi.

23. Fejn eliġibbli, jagħmlu użu sħiħ u ottimu tal-Inizattiva favur l-Impjiegi taż-Żgħażagħ biex tiġi implimentata l-Garanzija għaż-Żgħażagħ.

**Valutazzjoni u titjib kontinwu tal-iskemi**

24. Jissorveljaw u jevalwaw il-miżuri kollha taħt l-iskemi ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ, hekk li jkunu jistgħu jiġu żviluppati aktar politiki msejsa fuq l-evidenza u l-interventi jkunu jistgħu jiġu żviluppati abbażi ta' x'jaħdem, fejn u għaliex, tant li jkun żgurat l-użu effiċjenti tar-riżorsi u r-redditu pożittiv fuq l-investiment. Iżommu stampa aġġornata ta' kemm ikun ġie allokat finanzjament għall-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ, b'mod partikolari mill-programmi operattivi tal-Politika ta' Koeżjoni.

25. Jippromwovu attivitajiet ta' tagħlim reċiproku fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali bejn il-partijiet kollha involuti fil-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażagħ, u dan biex jitjieb it-tfassil u t-twassil tal-iskemi ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ fil-ġejjieni. Meta rilevanti, jagħmlu użu sħiħ mir-riżultati tal-proġetti appoġġati matul l-azzjoni preparatorja dwar l-iskemi ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ.

26. Isaħħu l-kapaċitajiet ta' dawk kollha interessati, inklużi s-servizzi tal-impjieg rilevanti, involuti fit-tfassil, fl-implimentazzjoni u fl-evalwazzjoni tal-iskemi ta' Garanziji għaż-Żgħażagħ, sabiex jiġu eliminati l-ostakli interni u esterni marbuta mal-politika u mal-mod kif dawk l-iskemi jiġu żviluppati.

**Implimentazzjoni ta' skemi ta' Garanziji għaż-Żgħażagħ**

27. Jimplimentaw skemi ta' Garanziji għaż-Żgħażagħ mill-aktar fis possibbli. Fir-rigward tal-Istati Membri li qed jesperjenzaw l-aktar diffikultajiet baġitarji severu u rati ogħla ta' NEETs jew ta' qgħad taż-żgħażagħ, tista' titqies ukoll l-implimentazzjoni gradwali.

28. Jiżguraw li l-iskemi ta' Garanziji għaż-Żgħażagħ ikunu integrati sew fil-programmi kofinanzjati tal-Unjoni tal-ġejjieni, preferibbilment sa mill-bidu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014-2020. Meta jimplimentaw l-iskemi ta' Garanziji għaż-Żgħażagħ, l-Istati Membri jistgħu jibbenefikaw mill-Inizjattiva favur l-Impjiegi taż-Żgħażagħ

B'DAN JIRRAKKOMANDA LI L-KUMMISSJONI:

**Finanzjament**

1. Tħeġġeġ lill-Istati Membri biex jagħmlu l-aħjar użu mill-Fond Soċjali Ewropew, skont il-prijoritajiet ta' investiment rilevanti tal-Fond Soċjali Ewropew għall-perijodu ta' pprogrammar ta' bejn l-2014 u l-2020, u l-Inizjattiva favur l-Impjiegi taż-Żgħażagħ, fejn applikabbli, biex isostnu l-istabbiliment u l-implimentazzjoni ta' skemi ta' Garanziji għaż-Żgħażagħ bħala strument ta' politika biex jiġġieldu u jipprevjenu l-qgħad fost iż-żgħażagħ u l-esklużjoni soċjali.

2. Issostni l-ħidma fuq l-ipprogrammar skont il-Fondi tal-Unjoni għal Qafas Strateġiku Komuni (il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u tas-Sajd), inkluż permezz ta' tagħlim bejn il-pari, attivitajiet ta' networking u assistenza teknika.

**Prassi tajba**

3. Tagħmel użu sħiħ mill-possibbilitajiet tal-Programm il-ġdid dwar il-Bidla Soċjali u l-Innovazzjoni biex jinġabru eżempji ta' prassi tajba dwar l-iskemi ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali.

4. Tuża l-Programm għat-Tagħlim Reċiproku tal-Istrateġija Ewropea dwar l-Impjiegi biex tinkoraġġixxi lill-Istati Membri jaqsmu bejniethom l-esperjenzi tagħhom u jiskambjaw il-prassi tajba.

**Monitoraġġ**

5. Tkompli tissorvelja u tirrapporta regolarment dwar l-iżviluppi marbuta mad-disinn, l-implimentazzjoni u r-riżultati tal-iskemi tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ bħala parti mill-programm annwali tan-Netwerk Ewropew tas-Servizzi tal-Impjieg Pubbliku. Tiżgura li l-Kumitat tal-Impjiegi jiġi informat f'dak ir-rigward.

6. Tissorvelja l-implimentazzjoni tal-iskemi tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ skont din ir-Rakkomandazzjoni permezz tas-sorveljanza multilaterali tal-Kumitat tal-Impjiegi fil-qafas tas-Semestru Ewropew, u tanalizza l-impatt tal-politiki fis-seħħ, u tindirizza, fejn ikun il-lok, rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi lill-Istati Membri, abbażi tal-linji gwida għall-politika dwar l-impjiegi tal-Istati Membri.

**Aktar għarfien**

7. Tappoġġa l-attivitajiet li jqajmu għarfien dwar l-istabbiliment ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ fl-Istati Membri, billi tuża l-Portal Ewropew taż-Żgħażagħ u tikkoordina b'mod partikolari mal-kampanji ta' informazzjoni tiegħu.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-22 ta' April 2013.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

S. COVENEY

IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUNSILL

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**tat-22 ta' April 2013**

**li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat Konsultattiv dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol**

(2013/C 120/02)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/C 218/01 tat-22 ta' Lulju 2003 li tistabbilixxi Kumitat ta' Konsultattiv dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tagħha,

Wara li kkunsidra l-lista ta' kandidati ppreżentata lill-Kunsill mill-Gvernijiet tal-Istati Membri,

Billi:

(1) Permezz tad-Deċiżjoni tiegħu tas-16 ta' Frar 2010 ([2]), il-Kunsill ħatar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat Konsultattiv dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għall-perjodu mill-1 ta' Marzu 2010 sat-28 ta' Frar 2013.

(2) Għalhekk, membri u membri supplenti ġodda għandhom jinħatru għal perijodu ta' tliet snin.

(3) Il-membri u l-membri supplenti għandhom jibqgħu fil-kariga sakemm jiġu sostitwiti jew sakemm jerġgħu jinħatru mill-ġdid.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Dawn li ġejjin huma b'dan maħtura membri u membri supplenti tal-Kumitat Konsultattiv għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għall-perijodu mit-22 ta' April 2013 sat-28 ta' Frar 2016:

I. RAPPREŻENTANTI TAL-GVERN

| Stat Membru | Membri | Supplenti |
|---|---|---|
| Belġju | Is-Sur Christian DENEVE | Is-Sur Jan BATEN<br>Is-Sur Xavier LEBICHOT |
| Bulgarija | Is-Sinjura Vaska SEMERDZHIEVA | Is-Sur Atanas KOLCHAKOV<br>Is-Sinjura Darina KONOVA |
| Repubblika Ċeka | Is-Sur Jaroslav HLAVÍN | Is-Sinjura Anna SAMKOVÁ<br>Is-Sinjura Anežka SIXTOVÁ |
| Danimarka | Is-Sinjura Charlotte SKJOLDAGER | Is-Sinjura Annemarie KNUDSEN<br>Is-Sinjura Christine HOLM DONATZKY |
| Ġermanja | Is-Sur Michael KOLL | Is-Sinjura Ellen ZWINK<br>Is-Sur Kai SCHÄFER |

([1]) ĠU C 218, 13.9.2003, p. 1.
([2]) ĠU L 45, 20.2.2010, p. 5.

| Stat Membru | Membri | Supplenti |
|---|---|---|
| Estonja | Is-Sinjura Veronika KAIDIS | Is-Sinjura Kristel PLANGI<br>Is-Sur Rein REISBERG |
| Irlanda | Is-Sinjura Paula GOUGH | Is-Sur Michael WALSH<br>Is-Sur John NEWHAM |
| Greċja | Is-Sur Antonios CHRISTODOULOU | Is-Sinjura Stamatina PISSIMISSI<br>Is-Sinjura Aggeliki MOIROU |
| Spanja | Is-Sinjura Dolores LIMÓN TAMÉS | Is-Sur Mario GRAU RÍOS<br>Is-Sinjura Mercedes TEJEDOR AIBAR |
| Franza | Is-Sinjura Bénédicte LEGRAND-JUNG | Is-Sinjura Sophie BARON<br>Is-Sur Olivier MEUNIER |
| Italja | Is-Sur Paolo PENNESI | Is-Sur Lorenzo FANTINI<br>Is-Sinjura Paola CASTELLANO |
| Ċipru | Is-Sinjur Leandros NICOLAIDES | Is-Sur Marios KOURTELLIS<br>Is-Sur Anastasios YIANNAKI |
| Latvja | Is-Sinjura Māra VĪKSNE | Is-Sinjura Jolanta GEDUŠA<br>Is-Sur Renārs LŪSIS |
| Litwanja | Is-Sinjura Aldona SABAITIENĖ | Is-Sinjura Vilija KONDROTIENĖ<br>Is-Sinjura Nerita ŠOT |
| Lussemburgu | Is-Sur Paul WEBER | Is-Sur Robert HUBERTY<br>Is-Sur Carlo STEFFES |
| Ungerija | Is-Sur József BAKOS | Is-Sinjura Katalin BALOGH<br>Is-Sinjura GRÓNAI |
| Malta | Is-Sur Mark GAUCI | Is-Sur Vincent ATTARD<br>Is-Sur David SALIBA |
| Pajjiżi l-Baxxi | Is-Sinjura Esther de KLEUVER | Is-Sur Martin G. DEN HELD<br>Is-Sur Andre MARCET |
| Awstrija | Is-Sinjura Anna RITZBERGER-MOSER | Is-Sinjura Gertrud BREINDL<br>Is-Sinjura Gerlinde ZINIEL |
| Polonja | Is-Sinjura Danuta KORADECKA | Is-Sur Daniel Andrzej PODGÓRSKI<br>Is-Sur Roman SĄSIADEK |
| Portugall | Is-Sur Pedro Nuno PIMENTA BRAZ | Is-Sur Carlos PEREIRA |
| Rumanija | Is-Sinjura Livia COJOCARU | Is-Sinjura Anca PRICOP<br>Is-Sur Marian TĂNASE |
| Slovenja | Is-Sinjura Tatjana PETRIČEK | Is-Sur Jože HAUKO<br>Is-Sur Etbin TRATNIK |
| Slovakkja | Is-Sinjura Romana ČERVIENKOVÁ | Is-Sinjura Eleonóra FABIÁNOVÁ<br>Is-Sur Erich VASELÉNYI |
| Finlandja | Is-Sur Leo SUOMAA | Is-Sinjura Kristiina MUKALA<br>Is-Sur Wiking HUSBERG |
| Svezja | Is-Sur Mikael SJÖBERG | Is-Sur Per EWALDSSON<br>Is-Sinjura Boel CALLERMO |
| Renju Unit | Is-Sur Stuart BRISTOW | Is-Sur Clive FLEMING<br>Is-Sur Stephen TAYLOR |

## II. RAPPREŻENTANTI TAT-TRADE UNIONS

| Stat Membru | Membri | Supplenti |
|---|---|---|
| Belġju | Is-Sur François PHILIPS | Is-Sur Herman FONCK<br>Is-Sur Stéphane LEPOUTRE |

| Stat Membru | Membri | Supplenti |
|---|---|---|
| Bulgarija | Is-Sur Ivan KOKALOV | Is-Sur Aleksander ZAGOROV<br>Is-Sinjura Reneta VASILEVA |
| Repubblika Ċeka | Is-Sur Jaroslav ZAVADIL | Is-Sur Miroslav KOSINA<br>Is-Sur Jindřich POLÍVKA |
| Danimarka | Is-Sinjura Heidi RØNNE MØLLER | Is-Sur Jan KAHR FREDERIKSEN |
| Ġermanja | Is-Sinjura Marina SCHRÖDER | Is-Sur Horst RIESENBERG-MORDEJA<br>Is-Sinjura Susanne JASPER |
| Estonja | Is-Sinjura Aija MAASIKAS | Is-Sur Peeter ROSS<br>Is-Sur Ülo KRISTJUHAN |
| Irlanda | Is-Sur Sylvester CRONIN | Is-Sinjura Esther LYNCH<br>Is-Sur Dessie ROBINSON |
| Greċja | Is-Sur Ioannis ADAMAKIS | Is-Sur Andreas STOIMENIDIS<br>Is-Sur Efthimios THEOHARIS |
| Spanja | Is-Sinjura Marisa RUFINO | Is-Sur Pedro J. LINARES<br>Is-Sur Emilio GONZALEZ |
| Franza | Is-Sur Gilles SEITZ | Is-Sur Henri FOREST |
| Italja | Is-Sinjura Cinzia FRASCHERI | Is-Sur Marco LUPI<br>Is-Sur Sebastiano CALLERI |
| Ċipru | Is-Sur Nikos SATSIAS | Is-Sur Nicos ANDREOU<br>Is-Sur Stelios CHRISTODOULOU |
| Latvja | Is-Sur Ziedonis ANTAPSONS | Is-Sur Mārtiņš PUŽULS<br>Is-Sur Vladimirs NOVIKOVS |
| Litwanja | Is-Sinjura Inga RUGINIENĖ | Is-Sur Petras GRĖBLIAUSKAS<br>Is-Sur Gediminas MOZŪRA |
| Lussemburgu | Is-Sur Serge SCHIMOFF | Is-Sur Marcel GOEREND<br>Is-Sur Robert FORNIERI |
| Ungerija | | |
| Malta | Is-Sur Joseph CARABOTT | Is-Sur Edwin BALZAN<br>Is-Sur Chris ATTARD |
| Pajjiżi l-Baxxi | Is-Sur W. VAN VEELEN | Is-Sur H. VAN STEENBERGEN<br>Is-Sinjura S. BALJEU |
| Awstrija | Is-Sinjura Ingrid REIFINGER | Is-Sinjura Julia NEDJELIK-LISCHKA<br>Is-Sur Alexander HEIDER |
| Polonja | Is-Sinjura Iwona PAWLACZYK | Is-Sur Dariusz GOC<br>Is-Sur Stanisław STOLARZ |
| Portugall | Is-Sur Fernando José MACHADO GOMES | Is-Sur Georges CASULA<br>Is-Sinjura Catarina FERREIRA TAVARES |
| Rumanija | | |
| Slovenja | Is-Sur Lučka BÖHM | Is-Sur Aljoša ČEČ<br>Is-Sur Bojan GOLJEVŠČEK |
| Slovakkja | Is-Sur Peter RAMPAŠEK | Is-Sur Alexander ŤAŽÍK<br>Is-Sur Bohuslav BENDÍK |
| Finlandja | Is-Sinjura Raili PERIMÄKI | Is-Sinjura Paula ILVESKIVI<br>Is-Sur Erkki AUVINEN |

| Stat Membru | Membri | Supplenti |
|---|---|---|
| Svezja | Is-Sinjura Christina JÄRNSTEDT | Is-Sinjura Jana FROMM<br>Is-Sinjura Karin FRISTEDT |
| Renju Unit | Is-Sur Hugh ROBERTSON | |

III. RAPPREŻENTANTI TA' MIN IĦADDEM

| Stat Membru | Membri | Supplenti |
|---|---|---|
| Belġju | Is-Sur Kris DE MEESTER | Is-Sur Thierry VANMOL<br>Is-Sur Marc JUNIUS |
| Bulgarija | Is-Sur Georgi STOEV | Is-Sinjura Daniela SIMIDCHIEVA<br>Is-Sinjura Petya GEOREVA |
| Repubblika Ċeka | Is-Sur Karel PETRŽELKA | Is-Sur František HROBSKÝ<br>Is-Sur Martin RÖHRICH |
| Danimarka | Is-Sinjura Christina SODE HASLUND | Is-Sinjura Karoline KLAKSVIG<br>Is-Sur Sven-Peter NYGAARD |
| Ġermanja | Is-Sur Eckhard METZE | Is-Sur Rüdiger TRIEBEL<br>Is-Sur Stefan ENGEL |
| Estonja | Is-Sur Marek SEPP | Is-Sinjura Marju PEÄRNBERG<br>Is-Sinjura Ülle MATT |
| Irlanda | Is-Sur Carl ANDERS | Is-Sinjura Theresa DOYLE<br>Is-Sur Kevin ENRIGHT |
| Greċja | | |
| Spanja | Is-Sinjura Isabel MAYA RUIO | Is-Sinjura Laura CASTRILLO NUÑEZ<br>Is-Sur José de la CAVADA HOYO |
| Franza | Is-Sinjura Nathalie BUET | Is-Sur Franck GAMBELLI<br>Is-Sur Patrick LÉVY |
| Italja | Is-Sinjura Fabiola LEUZZI | Is-Sur Giorgio RUSSOMANNO<br>Is-Sur Pietro MASCIOCCHI |
| Ċipru | Is-Sur Emilios MICHAEL | Is-Sur Polyvios POLYVIOU<br>Is-Sinjura Lena PANAGIOTOU |
| Latvja | Is-Sur Aleksandrs GRIGORJEVS | Is-Sinjura Irēna UPZARE<br>Is-Sur Andris POMMERS |
| Litwanja | Is-Sur Vaidotas LEVICKIS | Is-Sur Jonas GUZAVIČIUS |
| Lussemburgu | Is-Sur Pierre BLAISE | Is-Sur François ENGELS<br>Is-Sur Marc KIEFFER |
| Ungerija | | |
| Malta | Is-Sur John SCICLUNA | Is-Sur Andrew AGIUS MUSCAT<br>Is-Sinjura Carmen BORG |
| Pajjiżi l-Baxxi | Is-Sur W.M.J.M. VAN MIERLO | Is-Sur R. VAN BEEK<br>Is-Sur J.J.H. KONING |
| Awstrija | Is-Sinjura Christa SCHWENG | Is-Sur Alexander BURZ<br>Is-Sinjura Pia-Maria ROSNER-SCHEIBENGRAF |
| Polonja | Is-Sur Grzegorz JUSZCZYK | Is-Sinjura Grażyna SPYTEK-BANDURSKA |
| Portugall | Is-Sur Luís HENRIQUE | Is-Sur Manuel Marcelino PENA COSTA<br>Is-Sur Luis Miguel CORREIA MIRA |

| Stat Membru | Membri | Supplenti |
|---|---|---|
| Rumanija | Is-Sur Ovidiu NICOLESCU | Is-Sur Cristian HOTOBOC<br>Is-Sinjura Irina Mirela MANOLE |
| Slovenja | Is-Sur Igor ANTAUER | Is-Sinjura Tatjana ÈERIN<br>Is-Sur Anže HIRŠL |
| Slovakkja | Is-Sur Róbert MEITNER | |
| Finlandja | Is-Sinjura Katja LEPPÄNEN | Is-Sur Jan SCHUGK<br>Is-Sur Rauno TOIVONEN |
| Svezja | Is-Sinjura Bodil MELLBLOM | Is-Sur Ned CARTER<br>Is-Sinjura Cecilia ANDERSSON |
| Renju Unit | Is-Sur Guy BAILEY | |

*Artikolu 2*

Il-Kunsill għandu jaħtar il-membri u l-membru supplenti li għadhom ma ġewx innominati f'data aktar tard.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata għall-informazzjoni, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-22 ta' April 2013.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
S. COVENEY

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Rata tal-kambju tal-euro [1]

**Il-25 ta' April 2013**

(2013/C 120/03)

**1 euro =**

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,3080 | AUD | Dollaru Awstraljan | 1,2669 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 129,67 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,3374 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4559 | HKD | Dollaru ta' Hong Kong | 10,1549 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,84580 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 1,5299 |
| SEK | Krona Żvediża | 8,5961 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 1,6188 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,2334 | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 452,92 |
| ISK | Krona Iżlandiża | | ZAR | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 11,8804 |
| NOK | Krona Norveġiża | 7,6535 | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 8,0650 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | HRK | Kuna Kroata | 7,6070 |
| CZK | Krona Ċeka | 25,899 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 12 709,69 |
| HUF | Forint Ungeriż | 301,24 | MYR | Ringgit Malażjan | 3,9728 |
| LTL | Litas Litwan | 3,4528 | PHP | Peso Filippin | 53,916 |
| LVL | Lats Latvjan | 0,7000 | RUB | Rouble Russu | 40,7829 |
| PLN | Zloty Pollakk | 4,1467 | THB | Baht Tajlandiż | 38,076 |
| RON | Leu Rumen | 4,3493 | BRL | Real Brażiljan | 2,6266 |
| TRY | Lira Turka | 2,3540 | MXN | Peso Messikan | 15,8922 |
| | | | INR | Rupi Indjan | 70,7960 |

[1] *Sors*: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

**Opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-ftehimiet restrittivi u l-pożizzjoni dominanti mogħtija fil-laqgħa tiegħu tal-4 ta' Marzu 2013 fir-rigward ta' abbozz ta' deċiżjoni relatata mal-Każ COMP/39.530 – Microsoft (Irbit)**

**Relatur: Il-Bulgarija**

(2013/C 120/04)

1. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni fl-abbozz tad-deċiżjoni li Microsoft Corporation ("Microsoft") naqset li tikkonforma mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Diċembru 2009 li tirrigwarda proċediment skont l-Artikolu 102 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 54 tal-Ftehim taż-ŻEE (Każ COMP/39.530 – Microsoft (Irbit), notifikata skont id-dokument C(2009) 10033).

2. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-multa li l-Kummissjoni biħsiebha timponi lil Microsoft.

3. Il-Kumitat Konsultattiv jitlob lill-Kummissjoni biex tqis kwalunkwe punti oħrajn li tqajmu matul id-diskussjoni.

4. Il-Kumitat Konsultattiv jirrakkomanda li l-opinjoni tiegħu tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

**Rapport finali tal-Uffiċjal tas-Seduta** [1]

**COMP/39.530 – Microsoft (irbit)**

(2013/C 120/05)

(1) Dan il-proċediment jirrigwarda l-impożizzjoni ta' multa skont l-Artikolu 23(2)(c) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 [2] lil Microsoft Corporation ("Microsoft") għan-nuqqas ta' konformità ma' deċiżjoni ta' impenn.

(2) Fis-16 ta' Diċembru 2009, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni ta' impenn skont l-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003, li għamlet vinkolanti l-impenji offruti minn Microsoft biex tissodisfa t-tħassib tal-Kummissjoni rigward l-irbit tal-web browser tal-Microsoft (Internet Explorer), mal-client PC operating system dominanti tagħha (Windows) [3]. L-impenji inkludew partikolarment li jkun hemm Skrin ta' Għażla li jippermetti lill-utenti tal-Windows fiż-ŻEE biex jagħżlu b'mod faċli l-web browser preferut tagħhom.

(3) F'Lulju 2012, wara li ġiet infurmata mill-Kummissjoni dwar l-informazzjoni rċevuta minn żviluppatur tal-web browsers, Microsoft irrikonoxxiet nuqqas li tapplika l-Iskrin għall-Għażla mal-kopji kollha tal-Windows 7 Service Pack 1 ("Windows 7 SP 1"), li jikkorrispondi għal madwar 15,3 miljun PC.

(4) Fl-24 ta' Ottubru 2012, il-Kummissjoni adottat dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet. Microsoft rċeviet l-aċċess għall-fajl fis-6 ta' Novembru 2012 u wieġbet għad-dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet fit-2 ta' Diċembru 2012. Microsoft ma talbitx smigħ orali.

(5) L-abbozz tad-Deċiżjoni jikkonkludi li Microsoft aġixxiet b'mod negliġenti u li n-nuqqas ta' konformità dam 14-il xahar. L-abbozz tad-Deċiżjoni kkonkluda wkoll li l-fatt li Microsoft għenet lill-Kummissjoni biex tinvestiga malajr il-każ billi tipprovdi evidenza tan-nuqqas ta' konformità huwa fattur mitiganti.

(6) Jien ma rċivejt ebda talba jew ilment mingħand l-ebda parti fil-proċedimenti f'dan il-każ. L-abbozz tad-Deċiżjoni jirrigwarda biss l-oġġezzjonijiet li l-partijiet ingħataw l-opportunità li jesprimu l-fehmiet tagħhom fir-rigward tagħhom. Fid-dawl ta' dan, jien inqis li l-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet proċedurali tal-partijiet kollha f'dan il-każ ġie rispettat.

Brussell, il-5 ta' Marzu 2013.

Wouter WILS

---

[1] Skont l-Artikolu 16 u 17 tad-Deċiżjoni 2011/695/UE tal-President tal-Kummissjoni Ewropea tat-13 ta' Ottubru 2011 dwar il-funzjoni u dwar it-termini ta' referenza ta' uffiċjali tas-seduta f'ċerti proċedimenti dwar il-kompetizzjoni (ĠU L 275, 20.10.2011, p. 29).

[2] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat (ĠU L 1, 4.1.2003, p. 1).

[3] Sommarju fil-ĠU C 36, 13.2.2010, p. 7.

# Sommarju tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni

## tas-6 ta' Marzu 2013

## rigward proċediment dwar l-impożizzjoni ta' multi skont l-Artikolu 23(2)(c) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 għan-nuqqas ta' konformità ma' impenn li sar vinkolanti b'deċiżjoni tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 9 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003

## (Każ COMP/39.530 – Microsoft (irbit))

*(notifikata bid-dokument C(2013) 1210 final)*

**(It-Test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)**

(2013/C 120/06)

*Fis-6 ta'Marzu 2013, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni rigward proċediment dwar l-impożizzjoni ta' multi skont l-Artikolu 23(2)(c) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 ([1]) għan-nuqqas ta' konformità ma' impenn li sar vinkolanti b'deċiżjoni tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 9 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 30 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003, il-Kummissjoni b'dan qiegħda tippubblika l-isem tal-parti u l-kuntest ewlieni tad-deċiżjoni, inklużi kwalunkwe pieni imposti, wara li kkunsidrat l-interess leġittimu tal-impriża fil-ħarsien tas-sigrieti kummerċjali tagħha.*

### Il-kuntest tal-każ

(1) Fis-16 ta' Diċembru 2009, il-Kummissjoni adottat Deċiżjoni dwar proċediment skont l-Artikolu 102 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 54 tal-Ftehim ŻEE skont l-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003, li għamlet vinkolanti l-impenji offruti minn Microsoft Corporation ("Microsoft") biex tissodisfa t-tħassib tal-Kummissjoni, kif deskrit fid-Dikjarazzjoni tal-Oġġezzjonijiet tal-14 ta' Jannar 2009 ("l-Impenji"). ([2])

(2) It-tħassib preliminari tal-Kummissjoni rigward l-irbit tal-web browser tal-Microsoft, l-Internet Explorer ("IE"), mal-client PC operating system dominanti tagħha il-Windows.

(3) Sabiex tindirizza t-tħassib preliminari tal-Kummissjoni, Microsoft impenjat ruħha partikolarment li toffri lill-utenti tal-Windows għażla b'mod imparzjali fost web browsers differenti permezz ta' Skrin għall-Għażla fil-Windows XP, Windows Vista, Windows 7 u fil-Windows client PC operating systems mibjugħa waraWindows 7. Microsoft impenjat li turi l-Iskrin għall-Għażla lill-utenti tal-Windows fi-Żone Ekonomika Ewropea ("ŻEE") li għandhom l-IE ssettjat bħala d-default web browser.

### Proċedura

(4) Fis-17 ta' Ġunju 2012, il-Kummissjoni ġiet infurmata li possibbilment il-Microsoft naqset li żżomm mal-Impenji tagħha. Fl-4 ta' Lulju 2012, Microsoft irrikonoxxiet li naqset li turi l-Iskrin għall-Għażla lill-utenti tal-Windows 7 Service Pack 1 ("Windows 7 SP 1").

(5) Fis-16 ta' Lulju 2012, il-Kummissjoni ddeċidiet li terġa' tiftaħ u li tibda l-proċedimenti. Fl-24 ta' Ottubru 2012, il-Kummissjoni adottat Dikjarazzjoni ta' Oġġezzjonijiet. Fis-6 ta' Novembru 2012, Microsoft ingħatat aċċess għall-fajl tal-Kummissjoni. Fit-2 ta' Diċembru 2012, Microsoft wieġbet għad-Dikjarazzjoni ta' Oġġezzjonijiet.

(6) Fl-4 ta' Marzu 2013, il-Kumitat Konsultattiv dwar Prattiċi Restrittivi u Pożizzjonijiet Dominanti ħareġ opinjoni favorevoli. Fil-5 ta' Marzu 2013, l-Uffiċjal tas-Seduta ħareġ ir-rapport finali tiegħu.

### Valutazzjoni legali u multi

(7) Il-ksur jikkonsisti fin-nuqqas ta' konformità minn Microsoft mat-Taqsima 2 tal-Impenji billi ma wrietx l-Iskrin għall-Għażla lill-utenti fiż-ŻEE li għandhom l-IE ssettjat bħala d-default web browser.

(8) Fid-dawl tal-argumenti ta' Microsoft, il-Kummissjoni kkonkludiet li n-nuqqas ta' konformità minn Microsoft dam 14-il xahar mis-17 ta' Mejju 2011 sas-16 ta' Lulju 2012. Il-Kummissjoni qieset ukoll li n-numru ta' utenti affetwati min-nuqqas ta' konformità minn Microsoft mat-Taqsima 2 tal-Impenji kien madwar 15,3 miljun.

*Negliġenza*

(9) Serje ta' żbalji u omissjonijiet tekniċi wasslu għan-nuqqas ta' Microsoft li tipprovdi Skrin għall-Għażla lill-utenti affetwati. Madankollu minħabba r-riżorsi u l-għarfien tagħha, Microsoft kellha tkun kapaċi li tevita tali żbalji u kellha jkollha proċessi aħjar biex tiżgura li l-Iskrin għall-Għażla kien jidher kif suppost lill-utenti affetwati.

([1]) ĠU L 1, 4.1.2003, p. 1.
([2]) ĠU C 36, 13.2.2010, p. 7.

(10) Il-Kummissjoni kkonkludiet li Microsoft aġixxiet b'mod negliġenti.

*Gravità*

(11) Il-Kummissjoni tenfasizza li indipendentement miċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-każ, nuqqas ta' konformità ma' deċiżjoni ta' impenn huwa, fi prinċipju, ksur serju tal-liġi tal-Unjoni. [1]

(12) F'dan il-każ in-nuqqas ta' konformità minn Microsoft mat-Taqsima 2 tal-Impenji huwa fil-qalba tat-tħassib tal-Kummissjoni dwar il-kompetizzjoni u l-obbligi tal-Microsoft kif stabbiliti fl-Impenji. In-numru ta' utenti affettwati, madwar 15,3 miljun, kien sinifikanti.

(13) Għalhekk il-Kummissjoni tqis il-ksur li sar minn Microsoft bħala wieħed serju.

*It-tul ta' żmien*

(14) It-tul ta' żmien tan-nuqqas ta' konformità minn Microsoft mat-Taqsima 2 tal-Impenji kien ta' 14-il xahar. Meta stabbilixxiet l-ammont tal-multa, il-Kummissjoni qieset li 14-il xahar huma parti sostanzjali mit-tul ta' żmien sħiħ tat-Taqsima 2 tal-Impenji (4 snin u 39 ġimgħa).

*Fatturi mitiganti*

(15) Id-Deċiżjoni kkonkludiet li l-fatt li Microsoft għenet lill-Kummissjoni biex tinvestiga b'mod aktar effiċjenti l-każ billi tipprovdi evidenza tan-nuqqas ta' konformità huwa fattur mitiganti. Microsoft ħarġet riżorsi biex tagħmel investigazzjoni fil-fond biex issib ir-raġuni għan-nuqqas ta' konformità.

*Effett deterrenti*

(16) Sabiex tiżgura li l-multa jkollha effett deterrenti, il-Kummissjoni qieset id-daqs u r-riżorsi ta' Microsoft. Għalhekk il-Kummissjoni qieset il-fatt li d-dħul ta' Microsoft fis-sena fiskali ta' bejn Lulju 2011 u Ġunju 2012, l-aħħar sena kompleta ta' Microsoft, kien USD 73,723 miljun (EUR 55,088 miljun).

*Il-multa*

(17) Fid-dawl tal-fatturi kollha deskritti hawn fuq, il-Kummissjoni stabbiliet il-livell tal-multa għal EUR 561 000 000, li jikkorrispondi għal 1.02 % tad-dħul ta' Microsoft fissena fiskali ta' bejn Lulju 2011 sa Ġunju 2012

[1] Ara b'analoġija il-Kawża T-141/08 *E.ON Energie AG vs il-Kummissjoni* [2010] ECR II-5761, paragrafu 279.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-23 ta' April 2013

## dwar it-twaqqif ta' Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni li jkun magħruf bħala l-Pjattaforma għall-Governanza Tajba tat-Taxxa, l-Ippjanar Aggressiv tat-Taxxa u t-Tassazzjoni Doppja

(2013/C 120/07)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fil-Komunikazzjoni tagħha tas-6 ta' Diċembru 2012 [1], il-Kummissjoni ppreżentat Pjan ta' Azzjoni biex issaħħaħ il-ġlieda kontra l-frodi fiskali u l-evażjoni tat-taxxa. Il-Komunikazzjoni kienet akkumpanjata minn żewġ Rakkomandazzjonijiet, waħda dwar l-ippjanar aggressiv tat-taxxa [2] u oħra dwar miżuri maħsuba biex jinkoraġġixxu pajjiżi terzi biex japplikaw standards minimi ta' governanza tajba fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' taxxa [3]. Dawn l-oqsma llum huma ta' importanza partikolari, kif enfasizzat ukoll mill-Parlament Ewropew fir-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' April 2012 dwar it-talba għal modi konkreti biex jiġu miġġielda l-frodi fiskali u l-evażjoni tat-taxxa [4].

(2) Skont ir-Rakkomandazzjoni dwar l-ippjanar aggressiv tat-taxxa, l-Istati Membri għandhom jadottaw regola ġenerali kontra l-abbużi li taħtha dawn ikunu jinjoraw arranġamenti artifiċjali mwettqa essenzjalment għall-finijiet ta' evitar tat-taxxa u, minflok, japplikaw ir-regoli tagħhom tat-taxxa b'referenza għas-sustanza ekonomika attwali. Ir-Rakkomandazzjoni tħeġġeġ ukoll lill-Istati Membri biex fil-konvenzjonijiet tagħhom dwar it-tassazzjoni doppja jinkludu dispożizzjoni maħsuba biex tevita forma speċifika ta' sitwazzjoni fejn it-taxxa ma titħallas imkien.

(3) Ir-Rakkomandazzjoni dwar miżuri maħsuba biex jinkoraġġixxu pajjiżi terzi biex japplikaw standards minimi fuq governanza tajba fi kwistjonijiet tat-taxxa tipprovdi l-kriterji li jippermettu l-identifikazzjoni ta' pajjiżi terzi li ma jilħqux dawk l-istandards minimi. Telenka wkoll sensiela ta' azzjonijiet li l-Istati Membri jistgħu jieħdu fir-rigward ta' tali pajjiżi terzi u favur pajjiżi terzi li jikkonformaw ma' dawk l-istandards jew huma impenjati li jagħmlu dan.

(4) Huwa importanti li dawn ir-Rakkomandazzjonijiet jiġu implimentati bl-aktar mod estensiv b'mod li jibbenefika mill-esperjenza, il-kompetenza esperta u l-fehmiet rilevanti kollha. Barra minn hekk, dawn l-elementi għandhom jiffavorixxu wkoll ir-rapport li l-Kummissjoni impenjat ruħha li tippubblika, sa tmiem l-2015, dwar l-applikazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet imsemmija hawn fuq. Dan għandu jiffavorixxi ulterjurment ukoll il-ħidma mill-Kummissjoni fil-qasam ikkonċernat.

(5) Fil-Komunikazzjoni tagħha dwar it-tassazzjoni doppja fis-suq uniku [5], il-Kummissjoni kkonkludiet li se teżamina l-benefiċċji potenzjali li twaqqaf Forum tal-UE dwar it-tassazzjoni doppja, jiġifieri grupp ta' esperti li jiddiskuti l-problemi li jikkonċernaw dan is-suġġett. Fid-dawl tal-importanza tagħhom għat-tħaddim tas-suq intern, jidher li dawk il-problemi għandhom jiġu diskussi regolarment fi grupp ta' esperti. Barra minn hekk, it-tweġibiet mill-Konsultazzjoni Pubblika tal-Kummissjoni dwar eżempji fattwali u modi possibbli biex tiġi indirizzata sitwazzjoni fejn taxxa ma titħallas imkien enfasizzaw li, mil-lat prattiku, taxxa li ma titħallas imkien u t-tassazzjoni doppja huma spiss marbuta u għaldaqstant ma għandhomx jiġu ttrattati b'mod separat. Billi sitwazzjoni fejn it-taxxa ma titħallas imkien fiha nnifisha tippreżenta rabta mal-ippjanar aggressiv tat-taxxa, wieħed mis-suġġetti msemmija hawn fuq, huwa xieraq li tiġi indirizzata t-tassazzjoni doppja fl-istess grupp ta' esperti, jiġifieri fil-Pjattaforma attwali.

(6) Il-Pjattaforma għandha tippermetti djalogu f'dawn l-oqsma li fihom isir skambju tal-esperjenza u l-kompetenzi u jinstemgħu l-fehmiet tal-partijiet interessati kollha.

(7) Il-Pjattaforma għandha tkun ippreseduta mill-Kummissjoni u tikkonsisti minn rappreżentanti tal-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istati Membri, organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lin-negozji jew is-soċjetà ċivili jew lill-prattikanti fil-qasam tat-taxxa.

(8) Għandhom jiġu stabbiliti regoli dwar l-iżvelar tal-informazzjoni minn membri tal-Pjattaforma.

(9) Id-dejta personali għandha tiġi pproċessata skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data [6],

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

**Suġġett**

Il-grupp ta' esperti msejjaħ il-"Pjattaforma għall-Governanza Tajba tat-Taxxa, l-Ippjanar Aggressiv tat-Taxxa u t-Tassazzjoni Doppja", minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Pjattaforma", huwa b'dan stabbilit.

*Artikolu 2*

**Kompiti**

Il-kompiti tal-Pjattaforma jkunu:

(1) COM(2012) 722.
(2) C(2012) 8806 finali.
(3) C(2012) 8805 finali.
(4) P7_TA(2012)0030.
(5) COM(2011) 712 finali.
(6) ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

(a) li tħeġġeġ diskussjoni bejn in-negozju, is-soċjetà ċivili u l-esperti tal-awtoritajiet nazzjonali tat-taxxa dwar il-kwistjonijiet fil-qasam ta' governanza tajba fi kwistjonijiet tat-taxxa, l-ippjanar aggressiv tat-taxxa u t-tassazzjoni doppja. It-terminu governanza tajba fi kwistjonijiet tat-taxxa jkopri t-trasparenza, l-iskambju ta' informazzjoni u l-kompetizzjoni ġusta fit-tassazzjoni;

(b) li tipprovdi lill-Kummissjoni l-informazzjoni rilevanti dwar l-identifikazzjoni ta' prijoritajiet f'dawn l-oqsma u li jintgħażlu l-mezzi u strumenti xierqa biex jinkiseb progress f'dawn l-oqsma;

(c) li tikkontribwixxi l-aħjar applikazzjoni u implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni msemmija hawn fuq, billi jiġu identifikati kwistjonijiet tekniċi u prattiċi potenzjalment rilevanti f'dan il-qasam, kif ukoll soluzzjonijiet possibbli;

(d) li tipprovdi lill-Kummissjoni l-informazzjoni rilevanti għall-preparazzjoni tar-rapport tagħha dwar l-applikazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet tagħha dwar miżuri maħsuba biex jinkoraġġixxu pajjiżi terzi biex japplikaw l-istandards minimi ta' governanza tajba fi kwistjonijiet ta' taxxa u dwar l-ippjanar aggressiv tat-taxxa;

(e) li tiddiskuti indikazzjonijiet prattiċi pprovduti mill-awtoritajiet tat-taxxa, kif ukoll in-negozji, is-soċjetà ċivili u prattikanti tat-taxxa, u telabora dwar modi possibbli biex jindirizzaw b'mod aktar effiċjenti l-problemi tat-tassazzjoni doppja attwali li jaffettwaw il-funzjonament bla xkiel tas-suq intern.

*Artikolu 3*

**Konsultazzjoni**

Il-Kummissjoni tista' tikkonsulta l-Pjattaforma dwar kwalunkwe kwistjoni marbuta ma' governanza tajba fi kwistjonijiet tat-taxxa, l-ippjanar aggressiv tat-taxxa u t-tassazzjoni doppja.

*Artikolu 4*

**Sħubija – Ħatra**

1. Il-Pjattaforma tkun magħmula minn mhux aktar minn 45 membru.

2. Il-membri tal-Pjattaforma jkunu:

(a) l-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istati Membri;

(b) sa 15-il organizzazzjoni tan-negozji, is-soċjetà ċivili u l-pratt ikanti tat-taxxa.

3. L-awtoritajiet tat-taxxa ta' kull Stat Membru għandhom jinnominaw rappreżentant wieħed minn fost l-uffiċjali li jittrattaw it-tassazzjoni transfruntiera b'enfasi fuq il-ġlieda kontra l-ippjanar aggressiv tat-taxxa.

4. Wara sejħa għall-applikazzjonijiet, id-Direttur Ġenerali responsabbli mit-Tassazzjoni u mill-Unjoni Doganali għandu jaħtar lill-organizzazzjonijiet imsemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 2 b'kompetenzi fl-oqsma msemmija fl-Artikolu 2 u li jkunu wieġbu għas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

5. Meta jkunu qed iwieġbu għas-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-organizzazzjonijiet jinnominaw rappreżentant u supplent wieħed biex jieħu post rappreżentant li jkun assenti jew indispost. Id-Direttur Ġenerali responsabbli mit-Tassazzjoni u mill-Unjoni Doganali jista' joġġezzjona għan-nomina ta' rappreżentant jew supplent minn organizzazzjoni abbażi li dan ma jkunx jissodisfa l-profil mitlub fis-sejħa għall-applikazzjonijiet. F'dawn il-każijiet, l-organizzazzjoni kkonċernata tintalab tinnomina rappreżentant jew supplent ieħor.

6. Is-sostituti jiġu nnominati bl-istess kundizzjonijiet bħall-membri; is-supplenti jidħlu awtomatikament minflok kwalunkwe membru li jkun assenti jew indispost.

7. L-organizzazzjonijiet jinħatru għal tliet snin, dment li ma jiġux sostitwiti jew esklużi skont il-paragrafu 9. Il-mandat tagħhom jista' jiġġedded wara li jkunu wieġbu għal sejħa oħra għall-applikazzjonijiet.

8. L-organizzazzjonijiet li jitqiesu xierqa għas-sħubija, iżda li ma jinħatrux, jistgħu jitqiegħdu fuq lista ta' riżerva li tinżamm għal tliet snin, li l-Kummissjoni tuża biex taħtar is-sostituti.

9. L-organizzazzjonijiet imsemmija fil-punt (b) tal-paragrafu (2) jew ir-rappreżentanti tagħhom jistgħu jiġu ssostitwiti jew esklużi għall-bqija tal-mandat tagħhom fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) meta l-organizzazzjoni jew ir-rappreżentant tagħha ma jkunux għadhom kapaċi jikkontribwixxu b'mod effettiv għad-deliberazzjonijiet tal-Pjattaforma;

(b) meta l-organizzazzjoni jew ir-rappreżentant tagħha ma jkunux jikkonformaw mal-kundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 339 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

(c) meta l-organizzazzjoni jew ir-rappreżentant tagħha jirriżenjaw;

(d) meta jkun tajjeb sabiex tinżamm rappreżentanza bbilanċjata tal-oqsma rilevanti tal-kompetenzi u dawk tal-interessi.

Bil-ħsieb li jiġu indirizzati s-sitwazzjonijiet msemmija fl-ewwel subparagrafu, id-Direttur Ġenerali responsabbli mit-Tassazzjoni u mill-Unjoni Doganali jista', kif xieraq, jaħtar organizzazzjoni bħala sostitut mil-lista tar-riżerva msemmija fil-paragrafu 8 jew jitlob lil organizzazzjoni biex tinnomina rappreżentant ieħor jew supplent ieħor.

10. L-ismijiet tal-organizzazzjonijiet u tar-rappreżentanti tagħhom jiġu ppubblikati fir-Reġistru tal-gruppi esperti tal-Kummissjoni u entitajiet simili oħrajn, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "ir-Reġistru", kif ukoll fuq websajt apposta.

11. Id-dejta personali għandha tinġabar, tiġi pproċessata u ppubblikata skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001.

*Artikolu 5*

**Operazzjoni**

1. Il-Pjattaforma għandha tkun ippreseduta mid-Direttur Ġenerali responsabbli mit-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali jew ir-rappreżentant tiegħu.

2. Bi qbil mas-Sedja, il-Pjattaforma tista' tistabbilixxi sottogruppi biex jeżaminaw kwistjonijiet speċifiċi abbażi tat-termini ta' referenza ddefiniti mill-Pjattaforma. Dawn is-sottogruppi għandhom jiġu xolti malli jwettqu l-mandat tagħhom.

3. Is-Sedja tista', fuq bażi *ad hoc*, tistieden esperti minn barra l-Pjattforma li jkollhom kompetenza speċifika f'suġġett li jkun fuq l-aġenda biex jieħdu sehem fil-ħidma tal-Pjattaforma jew

tas-sottogrupp. Barra minn hekk, is-Sedja tista' tistieden bħala osservaturi lil individwi jew organizzazzjonijiet, kif iddefinit fir-Regola 8(3) tar-regoli orizzontali dwar il-gruppi esperti [1], u lill-pajjiżi kandidati. Jistgħu jiġu mistiedna bħala osservaturi, b'mod partikolari, rappreżentanti tal-pajjiżi kandidati biex jissieħbu fl-UE u dawk ta' organizzazzjonijiet internazzjonali.

4. Il-membri u r-rappreżentanti tagħhom, kif ukoll l-esperti u osservaturi mistiedna, għandhom jikkonformaw mal-obbligu tas-segretezza professjonali stabbilit fit-Trattati u fir-regoli l-oħra rilevanti tal-Unjoni, kif ukoll mar-regoli dwar il-protezzjoni ta' informazzjoni kklassifikata tal-UE, li huma stabbiliti fl-Anness tar-regoli ta' proċedura tal-Kummissjoni [2]. Jekk jonqsu milli jħarsu dawn l-obbligi, il-Kummissjoni tista' tieħu l-miżuri xierqa kollha.

5. Bħala prinċipju, il-laqgħat tal-Pjattaforma u tas-sottogruppi tagħha jsiru f'binjiet tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni tipprovdi s-servizzi segretarjali. Servizzi oħra tal-Kummissjoni b'interess fil-proċedimenti jistgħu jkunu involuti u jistgħu jattendu l-laqgħat tal-Pjattaforma u s-sottogruppi tagħha.

6. Il-Pjattaforma għandha tadotta r-regoli ta' proċedura tagħha abbażi tar-regoli standard ta' proċedura għall-gruppi ta' esperti.

7. Il-Kummissjoni tippubblika d-dokumenti kollha dwar l-attivitajiet imwettqa mill-Pjattaforma (bħall-aġendi, il-minuti u s-sottomissjonijiet tal-parteċipanti) jew fir-Reġistru jew permezz ta' ħolqa mir-Reġistru għal sit elettroniku apposta. Dokument ma jiġix ippubblikat meta l-iżvelar tiegħu jista' jdgħajjef il-protezzjoni ta' interess pubbliku jew privat kif definit fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 [3].

*Artikolu 6*

**Spejjeż tal-laqgħat**

1. Il-parteċipanti fl-attivitajiet tal-Pjattaforma ma għandhomx jitħallsu għas-servizzi tagħhom.

2. L-ispejjeż għall-ivvjaġġar u, fejn xieraq, l-ispejjeż għas-sussistenza li jkunu ġġarrbu mill-parteċipanti fl-attivitajiet tal-Pjattaforma għandhom jiġu rimborżati mill-Kummissjoni skont id-dispożizzjonijiet fis-seħħ fi ħdan il-Kummissjoni.

3. Dawk l-ispejjeż jiġu rimborżati fil-limiti tal-approprjazzjonijiet disponibbli allokati skont il-proċedura annwali għall-allokazzjoni tar-riżorsi.

*Artikolu 7*

**Applikabbiltà**

Din id-Deċiżjoni tapplika għal tliet snin.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' April 2013.

*Għall-Kummissjoni*

Algirdas ŠEMETA

*Membru tal-Kummissjoni*

---

[1] Komunikazzjoni mingħand il-President lill-Kummissjoni: – Qafas għall-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni: regoli orizzontali u reġistru pubbliku, C(2010) 7649 finali.

[2] ĠU L 308, 8.12.2000, p. 26.

[3] ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43. Dawn l-eċċezzjonijiet huma maħsubin sabiex jipproteġu s-sigurtà pubblika, l-affarijiet militari, ir-relazzjonijiet internazzjonali, il-politika finanzjarja, monetarja jew ekonomika, il-privatezza u l-integrità tal-individwu, l-interessi kummerċjali, il-proċeduri fil-qorti u l-pariri legali, l-ispezzjonijiet/l-investigazzjonijiet/l-awditjar u l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-istituzzjoni.

V

*(Avviżi)*

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## SEJĦA GĦALL-PROPOSTI – EAC/S03/13

**Azzjoni Preparatorja: Sħubija Ewropea dwar l-Isport**

**(Sejħa miftuħa)**

(2013/C 120/08)

### 1. Għanijiet u deskrizzjoni

Din is-sejħa għall-proposti sservi biex timplimenta s-Sħubija Ewropea ta' Azzjoni Preparatorja dwar l-Isport skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tadotta l-programm ta' ħidma annwali tal-2013 dwar l-għotjiet u l-kuntratti għall-Azzjoni Preparatorja – Sħubija Ewropea dwar l-Isport u għall-Avvenimenti Annwali Speċjali.

L-għan ewlieni ta' din l-Azzjoni Preparatorja huwa li jitħejjew l-azzjonijiet tal-UE f'dan il-qasam għall-ġejjieni, b'mod partikolari fil-qafas tal-Kapitolu tal-Isport tal-Programm tal-Unjoni propost għall-Edukazzjoni, it-Taħriġ, iż-Żgħażagħ u l-Isport għall-2014-2020 ("Erasmus għal Kulħadd"), filwaqt li jibni fuq il-prijoritajiet stabbiliti fil-White Paper tal-2007 dwar l-Isport, u l-Komunikazzjoni tal-2011 dwar l-Iżvilupp tad-Dimensjoni Ewropea fl-Isport.

Din is-sejħa għall-proposti se tappoġġja proġetti transnazzjonali mressqa minn entitajiet pubbliċi jew organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ sabiex jidentifikaw u jittestjaw netwerks adatti u prassi tajba fis-settur tal-isport, fl-oqsma li ġejjin:

(1) It-tisħiħ ta' governanza tajba u karrieri doppji fl-isport permezz ta' appoġġ għall-mobilità tal-voluntiera, il-coaches, il-maniġers u l-persunal tal-organizzazzjonijiet tal-isport mingħajr skop ta' qligħ.

(2) Il-ħarsien tal-atleti, speċjalment dawk l-iżgħar fl-età, mill-perikli għas-saħħa u s-sikurezza billi jitjiebu l-kundizzjonijiet tat-taħriġ u tal-kompetizzjoni.

(3) Il-promozzjoni tal-isport u tal-logħob Ewropew tradizzjonali.

Id-dipartiment tal-Kummissjoni responsabbli għall-implimentazzjoni u l-ġestjoni ta' din l-azzjoni huwa l-Unità tal-Isport tad-Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni u l-Kultura.

### 2. Eliġibbiltà

2.1. *Applikant*

L-applikanti eliġibbli jridu jkunu

— Entitajiet pubbliċi;

— Organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ.

L-applikanti jrid ikollhom

— Status ġuridiku;

— L-uffiċċju ewlieni tagħhom reġistrat f'wieħed mill-Istati Membri tal-UE.

Persuni fiżiċi ma jistgħux jibagħtu applikazzjonijiet għal din is-sejħa għall-proposti.

2.2. *Proposti*

Sabiex ikunu eliġibbli skont din is-sejħa għall-proposti, il-proposti jridu:

— jitressqu permezz tal-formola ta' applikazzjoni uffiċjali, mimlija kollha u ffirmata, u jikkonformaw mar-rekwiżiti tagħha;

— jaslu sad-data ta' skadenza stipulata f'din is-sejħa għall-proposti;

— jinvolvu azzjonijiet imwettqa kompletament fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea; u

— jinkludu netwerk transnazzjonali b'imsieħba minn tal-anqas ħames Stati Membri tal-UE.

## 3. **Baġit u tul tal-proġett**

Il-baġit disponibbli għal din is-sejħa għall-proposti huwa ta' EUR 2 650 000, taħt l-intestatura "Sħubija Ewropea ta' Azzjoni Preparatorja dwar l-Isport" (l-Artikolu 15.05.20).

Il-kofinanzjament tal-UE se jkun ipprovdut għal massimu ta' 80 % tat-total ta' spejjeż eliġibbli. Il-finanzjament provdut mill-applikant irid jammonta mill-inqas għal 20 % tat-total ta' spejjeż eliġibbli. L-applikazzjonijiet li jinvolvu finanzjament addizzjonali minn partijiet terzi huma mħeġġa u se jirċievu punti ta' prijorità addizzjonali. Fejn il-proġetti jinkludu perċentwal partikolari ta' finanzjament privat minn partijiet terzi, il-kofinanzjament tal-UE se jitnaqqas bl-istess perċentwal.

L-ispejjeż tal-persunal ma għandhomx jaqbżu l-50 % tat-total tal-ispejjeż eliġibbli. Il-kontribuzzjonijiet in natura mhumiex aċċettati bħala ko-finanzjament. Il-Kummissjoni tirriserva d-dritt li ma tagħtix il-finanzjament kollu disponibbli, u dan jiddependi mill-għadd u mill-kwalità tal-proġetti mressqa.

Il-proġetti jridu jibdew bejn l-1 ta' Jannar 2014 u l-31 ta' Marzu 2014 u jintemmu mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2015.

Il-perjodu tal-eliġibbiltà għall-ispejjeż huwa l-perjodu ta' tul il-proġett kif speċifikat fil-kuntratt.

## 4. **Skadenza għall-applikazzjonijiet**

L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu mhux aktar tard **mid-19 ta' Lulju 2013**, bit-timbru tal-posta bħala prova, lil

European Comission
Directorate-General for Education and Culture — Unit D2 (Sport)
J-70, 03/178
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

## 5. **Aktar tagħrif**

It-testi l-oħra marbuta ma' din is-sejħa għall-proposti, li jinkludu l-formola tal-applikazzjoni u l-gwida tal-programm li tinkludi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u amministrattivi, jinsabu fl-indirizz tal-internet li ġej:

http://ec.europa.eu/sport/preparatory_actions/doc1009_en.htm

L-applikazzjonijiet iridu jikkonformaw mat-testi msemmija hawn fuq u jridu jitressqu fil-formoli pprovduti.

# PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Komunikazzjoni mill-Kummissjoni ppubblikata skont l-Artikolu 27(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 fil-Kawża AT.39740 – Google

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2013/C 120/09)

### 1. INTRODUZZJONI

1. Skont l-Artikolu 9 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni stipulati fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat (ir-Regolament (KE) Nru 1/2003) ([1]), il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi – f'każijiet fejn tkun beħsiebha tadotta deċiżjoni li tirrikjedi li jitwaqqaf ksur u li l-impriżi kkonċernati joffru impenji li jissodisfaw it-tħassib espress lilhom mill-Kummissjoni fil-valutazzjoni preliminari tagħha – li tagħmel dawk l-impenji vinkolanti fuq l-impriżi. Deċiżjoni bħal din tista' tiġi adottata għal perjodu speċifiku u tikkonkludi li ma hemmx aktar raġunijiet għal azzjoni mill-Kummissjoni. Skont l-Artikolu 27(4) tal-istess Regolament, il-Kummissjoni tippubblika taqsira konċiża dwar il-każ u l-kontenut ewlieni tal-impenji. Il-partijiet interessati jistgħu jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom fil-limitu ta' żmien stipulat mill-Kummissjoni.

### 2. TAQSIRA TAL-KAŻ

2. Fit-13 ta' Marzu 2013, il-Kummissjoni adottat valutazzjoni preliminari skont it-tifsira tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 indirizzata lil Google Inc. ("Google").

3. Fil-valutazzjoni preliminari tagħha, il-Kummissjoni kienet tal-fehma li Google timpenja ruħha fil-prattiki kummerċjali li ġejjin li jistgħu jiksru l-Artikolu 102 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE") u l-Artikolu 54 tal-Ftehim taż-ŻEE.

— It-trattament favorevoli, fir-riżultati orizzontali ta' tiftix fuq il-web ta' Google, ta' links (ħoloq) għas-servizzi proprji ta' tiftix vertikali fuq il-web ta' Google meta mqabbla ma' links għal servizzi kompetittivi ta' riċerka vertikali fuq il-web ("l-ewwel prattika kummerċjali") ([2]);

— L-użu li għamlet Google mingħajr permess minn kontenut oriġinali minn websajts ta' partijiet terzi fis-servizzi proprji ta' tiftix vertikali fuq il-web ("it-tieni prattika kummerċjali") ([3]);

— Ftehimiet li jobbligaw *de jure* jew *de facto* lill-websajts li huma proprjetà ta' partijiet terzi (li fl-industrija jissejħu "pubblikaturi") li jiksbu mingħand Google il-parti l-kbira mill-ħtiġijiet jew il-ħtiġijiet kollha għar-reklamar tagħhom li jidher waqt it-tiftix onlajn ("it-tielet prattika kummerċjali"); u

([1]) ĠU L 1, 4.1.2003, p. 1. B'effett mill-1 ta' Diċembru 2009, l-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat tal-KE saru l-Artikoli 101 u 102 rispettivament, tat-TFUE Iż-żewġ settijiet ta' dispożizzjonijiet huma identiċi fil-kontenut. Għall-finijiet ta' dan l-avviż, ir-referenzi għall-Artikoli 101 u 102 tat-TFUE għandhom jinftiehmu bħala referenzi għall-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat tal-KE fejn applikabbli.

([2]) Is-servizzi vertikali ta' riċerka fuq il-web huma servizzi bbażati fuq il-web li minħabba t-tfassil tagħhom huma limitati għal kategoriji speċifiċi ta' informazzjoni definiti minn qabel fuq il-web. Servizzi orizzontali ta' riċerka fuq il-web huma servizzi bbażati fuq il-web li jippermettu lill-utenti jfittxu l-informazzjoni kollha fuq il-web, tkun xi tkun in-natura tal-informazzjoni.

([3]) Il-valutazzjoni preliminari ma kkunsidratx ir-relazzjoni bejn l-użu ta' Google ta' kontenut oriġinali minn websajts ta' partijiet terzi u l-liġi dwar il-proprjetà intellettwali.

— Restrizzjonijiet kuntrattwali fuq il-ġestjoni u t-trasferibbiltà ta' kampanji ta' reklamar li jidhru waqt it-tiftix onlajn minn pjattaformi ta' riklamar ta' tiftix ("ir-raba' prattika kummerċjali").

## 3. IL-KONTENUT PRINĊIPALI TAL-IMPENJI OFFRUTI

4. Google ma taqbilx li hija impenjata fil-prattiki kummerċjali deskritti hawn fuq, u ma taqbilx mal-analiżi legali fil-valutazzjoni preliminari tal-Kummissjoni. Hija madankollu offriet impenji skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 biex tissodisfa t-tħassib preliminari ta' kompetizzjoni tal-Kummissjoni fir-rigward tal-prattiki kummerċjali msemmija hawn fuq.

5. L-elementi prinċipali tal-impenji huma kif ġej.

6. Rigward l-ewwel prattika kummerċjali, Google se tittikketta l-links għas-servizzi proprji tagħha ta' tiftix vertikali fuq il-web li huma soġġetti għal allokazzjoni favorevoli fir-riżultati ta' tiftix orizzontali fuq il-web tagħha stess. It-tikketta tinforma lill-utenti li l-links għas-servizzi ta' tiftix vertikali fuq il-web ta' Google ġew miżjuda minn Google biex jipprovdu aċċess għas-servizzi ta' tiftix fuq il-web vertikali, biex l-utenti ma jfixklux il-links tas-servizzi ta' tiftix fuq il-web vertikali ta' Google stess mal-links ta' riżultati ta' tiftix orizzontali fuq il-web. Fejn applikabbli, it-tikketta tinforma wkoll lill-utenti dwar fejn, fir-riżultati ta' tiftix orizzontali fuq il-web ta' Google, jistgħu jsibu links għal servizzi alternattivi ta' tiftix vertikali fuq il-web.

7. Fejn applikabbli, Google se tiddistingwi wkoll il-links għas-servizzi ta' tiftix vertikali fuq il-web tagħha stess minn riżultati ta' tiftix orizzontali oħra fuq il-web, biex l-utenti jkunu konxji min-natura differenti tagħhom.

8. Fl-aħħar nett, fejn Google tpoġġi għad-dispożizzjoni fir-riżultati ta' tiftix orizzontali tagħha fuq il-web, links għal servizz ta' tiftix vertikali fuq il-web ta' Google, kif deskritt fil-paragrafu (6) hawn fuq, li fihom reklamar ta' tiftix jew links kummerċjali simili f'aktar minn 5 % tal-każijiet fejn dan is-servizz ta' tiftix vertikali jinqara mill-utenti taż-ŻEE, Google se tpoġġi għad-dispożizzjoni fuq il-paġna ta' riżultati ta' tiftix orizzontali fuq il-web, links għal tliet servizzi kompetituri rilevanti ta' tiftix vertikali fuq il-web. Google se tippermetti li l-utenti jkunu konxji b'mod ċar dwar il-preżenza ta' dawn it-tliet links rivali. Google se tagħżel dawn it-tliet servizzi kompetituri ta' tiftix vertikali fuq il-web fuq il-bażi ta' mekkaniżmi mmirati lejn l-iżgurar tar-rilevanza tagħhom fit-tiftixa.

9. Rigward it-tieni prattika kummerċjali, Google se toffri lill-websajts ta' partijiet terzi l-esklużjoni fakultattiva msejsa fuq il-web għall-użu tal-kontenut kollu esplorat mis-sit tagħhom fis-servizzi ta' tiftix vertikali fuq il-web ta' Google. Man-notifika ta' esklużjoni fakultattiva, Google tieqaf tiddisponi l-kontenut inkwistjoni fis-servizzi ta' tiftix vertikali fuq il-web ta' Google. L-esklużjoni fakultattiva mhix se taffettwa bla bżonn il-klassifikazzjoni tal-websites tal-partijiet terzi fir-riżultati ta' tiftix orizzontali fuq il-web ta' Google.

10. Google se toffri wkoll lis-servizzi ta' tiftix vertikali eliġibbli fuq il-web li jiffokaw fuq il-provvediment ta' servizzi ta' tiftix lokali jew tiftix ta' prodotti, il-possibbiltà li jimmarkaw ċerti kategoriji ta' informazzjoni b'tali mod li informazzjoni bħal din ma tkunx indiċjata jew użata minn Google.

11. Fl-aħħar nett, Google se żżomm mekkaniżmi eżistenti għall-pubblikaturi ta' gazzetti stabbiliti fiż-ŻEE biex ikunu jistgħu jikkontrollaw, fuq paġna web permezz ta' bażi ta' paġna web, il-kontenut tagħhom li jidher f'Google News.

12. L-impenji stipulati fil-paragrafi (6) sa (11) hawn fuq se japplikaw irrispettivament minn jekk jeżistix attwalment servizz ta' tiftix vertikali fuq il-web ta' Google jew jekk dan is-servizz huwiex se jiġi introdott fil-perjodu kopert mill-impenji.

13. Rigward it-tielet prattika kummerċjali, Google timpenja ruħha li ma tinkludix aktar fil-ftehimiet tagħha ma' pubblikaturi dispożizzjonijiet jew timponi obbligi mhux miktuba li jkunu jirrikjedu, *de jure* jew *de facto*, li l-pubblikaturi jakkwistaw il-ħtiġijiet tagħhom rigward reklamar li jidher waqt tiftix onlajn esklussivament minn Google f'dak li għandu x'jaqsam ma' mistoqsijiet minn utenti fiż-ŻEE.

14. Rigward ir-raba' prattika kummerċjali, Google se tieqaf milli timponi kwalunkwe obbligazzjoni miktuba jew mhux miktuba (inklużi fl-AdWords it-termini u l-kundizzjonijiet API) li jżommu lil dawk li jirreklamaw mill-portabbiltà jew mill-ġestjoni ta' kampanji ta' reklamar li jidher waqt it-tiftix madwar l-AdWords ta' Google u s-servizzi ta' reklamar mhux tal-Google.

15. It-tul ta' żmien ta' dawn l-impenji se jkun ta' ħames snin u tliet xhur mid-data li fiha Google tirċievi notifika formali tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1/2003. Google se taħtar ukoll fiduċjarju li għandu jissorvelja l-konformità tagħha mal-impenji.

16. L-impenji offruti huma ppubblikati fit-totalità tagħhom bl-Ingliż fuq il-websajt tad-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni fuq:

http://ec.europa.eu/competition/index_en.html

### 4. STEDINA GĦALL-KUMMENTI

17. Il-Kummissjoni beħsiebha tadotta deċiżjoni skont l-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 li tivvinkola fuq Google l-impenji miġbura fil-qosor hawn fuq u ppubblikati fuq l-Internet, fuq il-websajt tad-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni.

18. Skont l-Artikolu 27(4) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003, il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi biex jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom dwar l-impenji. Dawn l-osservazzjonijiet għandhom jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn xahar wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-partijiet interessati huma wkoll mitluba jippreżentaw verżjoni mhux kunfidenzjali tal-kummenti tagħhom, li fiha kull informazzjoni li jistqarru li hija sigriet professjonali u informazzjoni kunfidenzjali oħra għandha titħassar u tinbidel kif mitlub b'taqsira mhux kunfidenzjali jew bil-kliem "sigrieti professjonali" jew "kunfidenzjali".

19. Ir-risposti u l-kummenti għandhom preferibbilment ikunu motivati u għandhom jistabbilixxu l-fatti rilevanti. Jekk tidentifika problema ma' kwalunkwe parti mill-impenji proposti, il-Kummissjoni tistiednek ukoll biex tissuġġerixxi soluzzjoni possibbli.

20. L-osservazzjonijiet jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bin-numru ta' referenza AT.39740 – Google bil-posta elettronika (COMP-GOOGLE-CASES@ec.europa.eu), bil-faks (+32 22950128) jew bil-posta normali, fl-indirizz li ġej:

European Commission
Directorate-General for Competition
Antitrust Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Każ COMP/M.6888 – Otsuka/Mitsui/Claris)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2013/C 120/10)

1. Fit-18 ta' April 2013, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li permezz tagħha l-impriżi Otsuka Pharmaceutical Factory Inc. ("Otsuka", il-Ġappun), li hija parti mill-grupp ta' kumpaniji Otsuka kkontrollat minn Otsuka Holdings Co., Ltd. (il-Ġappun), Mitsui & Co. Ltd ("Mitsui", il-Ġappun) u Claris Lifescience Limited ("Claris", l-Indja) jakkwistaw, fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' 100 % tas-sussidjarji ta' Claris, Claris Otsuka Limited (il-"JV(impriża konġunta"), l-Indja), permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Otsuka: farmaċewtiċi, nutraċewtiċi, ([2]) prodotti tal-konsumatur, distribuzzjoni u ppakkjar,

— Mitsui: il-bejgħ, id-distribuzzjoni, ix-xiri, it-tqegħid fis-suq u l-forniment ta' prodotti f'oqsma bħal: ħadid, azzar, metalli li ma fihomx ħadid, makkinarju, elettronika, kimiċi, komoditajiet relatati mal-enerġija, ikel u bejgħ bl-imnut, servizz tal-istil tal-ħajja u tal-konsumatur, il-bejgħ ta' vetturi bil-mutur u tal-motoċikletti,

— Claris: il-manifattura u d-distribuzzjoni ta' prodotti għall-infusjoni fil-vini, drogi ġeneriċi, prodotti bbażati fuq ir-riċerka u terapiji għal sitwazzjonijiet ta' mard akut u ta' kirurġija,

— Claris Otsuka Limited (il-JV): il-manifattura, it-tqegħid fis-suq, il-kummerċ ta' prodotti ta' infusjoni, soluzzjonijiet ta' infusjoni, anti-infettivi u espansuri tal-volum tal-plasma.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet ([3]) ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6888 – Otsuka/Mitsui/Claris, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").
([2]) "Nutraċewtika" tirreferi għal linja ta' prodotti li tikkombina "nutrizzjoni" u "farmaċewtiċi".
([3]) ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32 ("Avviż ta' proċedura simplifikata").

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Każ COMP/M.6886 – Lindéngruppen/FAM/Höganäs)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2013/C 120/11)

1. Fit-18 ta' April 2013, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li permezz tagħha l-impriżi Lindéngruppen AB ("Lindéngruppen") u Foundation Asset Management Sweden AB ("FAM") huma bil-ħsieb li jakkwistaw, fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt tal-impriża Höganäs AB ("Höganäs") permezz ta' offerta pubblika ta' xiri.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Lindéngruppen: żvilupp fit-tul ta' kumpaniji industrijali,

— għal FAM: ġestjoni tal-assi ta' ċerti fondazzjonijiet; kif ukoll,

— għal Höganäs: manifattura tat-trab tal-metall.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet ([2]) ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6886 – Lindéngruppen/FAM/Höganäs, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32 ("Avviż ta' proċedura simplifikata").

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2013 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 1 300 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 1 420 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 910 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 100 fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C — Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | EUR 50 fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli fi 22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S — Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT